Nru 142 - Jannar 2019 - b'xejn ma' L-ORIZZONT

# SPORTIV





SUNGLASSES: POLAR - CEBE **DAYSOFT UV:** ONE DAY DISPOSABLE CONTACT LENSES

**ONE HOUR SERVICE**

**OPEN ALL DAY**
AT G'MANGIA
Mon-Fri: 0830hrs - 1930hrs
Sat: 0830hrs - 1230hrs

THE CATHEDRAL OPTICAL

| | | | |
|---|---|---|---|
| G'MANGIA | 2122 6020/3 | NAXXAR | 2143 1152 |
| | 2122 8370 | B'BUGIA | 2142 1976 |
| FGURA | 2167 3332 | ZEBBUG | 2167 3332 |
| ZEBBUG | 2146 5768 | RABAT | 2145 0845 |
| MQABBA | 2748 7582 | LUQA | 2189 5248 |
| B'KARA | 2149 0213 | ATTARD | 2141 8315 |
| QORMI (PINTO OPTICIANS) | 2148 8950 | SANGWANN | 2138 3947 |

adidas asics Babolat diadora HIGH POWER LEONE SINCE 1947 macron

TEAMSPORT

Triq Dun Karm (Birkirkara Bypass), Iklin | Psaila Street, Birkirkara

Reebok speedo molten Sixtus McDAVID UNDER ARMOUR. TYR

# EDITORJAL

**SPORTIV**
Magazin Sportiv ta' kull xahar

Ħarga Numru 142
JANNAR 2019

**Dipartiment tal-Avviżi**
25900200 / 230 / 235
adverts@unionprint.com.mt

**Disinn**
Stacy Sciberras
design@unionprint.com.mt

**Ritratti**
Roger Azzopardi
Christine Borg
Dominic Borg
Tonio Magro
Walter Sargent
Paul Zammit Cutajar
Joe Borg
Ian Aquilina




Azzjoni minn logħba tal-kampjonat lokali tar-Rugby



Ninsabu fi tmiem ta' xahar ieħor, dak ta' Jannar u għal darba oħra qiegħed nerġgħu nwasslulkom edizzjoni oħra tal-magazine sportiv favorit tagħkom. F'din l-edizzjoni se nagħtu ħarsa qabel xejn lejn il-ħidma ta' SportMalta, fost l-oħrajn anki b'intervista mas-CEO tal-istess awtorita' Mark Cutajar. Dan fuq kollox b'risq l-isportivi Maltin u l-poplu Malti inġenerali. Dan ix-xahar kien ukoll wieħed ikkaratterizzat mit-trasferimenti tal-players kemm lokalment u anki internazzjonalment. Dwar is-suq tat-trasferimenti fil-football lokali għandna wkoll artiklu interessanti li jikkumplimenta wkoll ieħor dwar football tan-nisa. F'din l-edizzjoni ssibu wkoll artikli dwar l-atletika, pool, l-isport awtomobilistiku u l-isport f'Għawdex.

Ma jonqsux ukoll intervisti mill-aktar interessanti fosthom ma' Charles Aquilina li tant għamlilna unur fil-kamp tat-table football barra minn xtutna, ma' Marilyn Micallef li ftit tal-ġimgħat ilu rrapreżentatna f'kompetizzjoni mondjali MMA fil-Kanada u rubriki oħra ta' kull xahar. Fix-xena internazzjonali ma jonqsux artikli dwar il-famuża tiġrija taż-żwiemel Grand Prix d'Amerique li ssir għada f'Pariġi u r-rebħ tat-tazza tad-dinja tal-clubs min naħa ta' Real Madrid. Dan kollu jagħmel il-magazine Sportiv l-għażla tagħkom.

Ħajr dejjem imur lejn il-kollegi, kontributuri u fotografi ta' diversi entitajiet li jkomplu jagħmlu dan il-magazine aktar interessanti. Flimkien inkomplu naħdmu biex Sportiv...jibqa l-uniku u l-aqwa magazine ta' kull sportiv Malti u Għawdxi.

*Kenneth Vella*
*kennethvella@hotmail.com*
*sportiv@unionprint.com.mt*

UNION PRINT CO. LTD

SPORTIV huwa ppubblikat u stampat minn Union Print Co. Ltd, Marsa.
Dan il-magażin jingħata b'xejn mal-ġurnal l-orizzont u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.



# SPORTIV
## KONTENUT


06 – SportMalta
12 – Football
18 – Pool
20 – Intervista Marilyn Micallef
22 – Table Football
24 – Maratona
26 – Ibburdjar
28 – Muturi u karozzi










**30** – Rugby

**32** – Gozo Sports

**34** – Bil-Qari u l-Kitba

**36** – MEUSAC

**38** – Tiġrijiet taż-Żwiemel

**42** – Fifa World Cup Championship 2018

**44** – Storja tal-football

**46** – Spot the ball u Tisliba



# “Nibqgħu mpenjati biex inkomplu naħdmu ħalli naraw titjieb u progress fl-isport Malti”

**– Mark Cutajar, CEO SportMalta**

**Kif tħares lejn l-2018 mil-lenti ta` SportMalta?**

Jien naħseb bla dubju ta` xejn kienet sena mimlija sfidi u sena pożittiva. Irnexxielna inżommu bilanċ bejn l-isforz sabiex inżidu aktar parteċipanti fl-isport u attivita' fiżika, insaħħu l-qasam regolatorju kif ukoll nibdew u anke nlestu numru ta` proġetti infrastrutturali li jħallu legat lill-isport Malti inġenerali.

**Nitkellmu dwar il-proġetti fil-qasam sportiv, il-ħidma ta' SportMalta f'dan ir-rigward u d-dipartiment fi ħdanu.**

Iva d-Dipartiment tal-proġetti beda jopera fl-2017. Kien hemm il-bżonn li proġetti infrastrutturali li għandhom tema sportiva jiġu amministrati sa mill-bidu minn SportMalta, għaliex l-entità' jew trid hi finalment tmexxi l-faċilita' sportiva jew inkellha trid tkun hi li tgħaddi faċilita' lil għaqdiet jew klabbs. Fl-2018 lestejna l-faċilita' tal-futbol f'Birzebbuga, sar upgrade fuq it-telgħa ta` l-Imtaħleb, lestejna xogħol fil-kumplessi tal-Kottonera u Kirkop sabiex l-isportivi jinqdew aħjar, ftaħna akkademja professjonali ta` l-isnooker kif ukoll shooting range li setgħet finalment tospita t-Tazza ta` Dinja ta` l-isparar. Barra minn hekk tkompla x-xogħol fl-Istadium ġdid f'Marsascala li ser ikun lest sa Frar, beda ix-xogħol fuq l-indoor swimming pool tal-Kottonera li ser jitlesta fl-2020, ġie magħluq il-kuntratt għall-bini ta` pixxina f'Marsascala, beda ir-*resurfacing* tal-korsa ta` l-atletika fil-Marsa li ser jitlesta fi Frar u anke sala oħra multipurpose f'Maria Assunta. Dan fost hafna proġetti oħra iżgħar li jkunu qegħed isiru minn żmien għal żmien.

**SportMalta għandha fil-*mission statement* tagħha li tħeġġeġ iktar nies jipparteċipaw fl-isport. Taħseb li dan qed jintlaħaq?**

Jien ngħidlek iva pero' għad fadal ħafna x'isir biex inkunu kuntenti. Statistikament fl-istħarriġ tal-Eurobarometer, Malta kienet fl-aħħar post fil-klassifika ta` l-inattivita' bejn it-28 stat membru fl-2012. Illum fil-bidu ta` l-2019 ninsabu fid-19 –il post. Dan ir-riżultat ma kienx sorpriża għalina anzi konna qed naraw żieda qawwija fil-parteċipazzjoni sew grazzi għall-programmi tagħna *On the Move* kif ukoll grazzi għall-ħidma, attivitajiet u promozzjoni



li ssir waqt il-*European Week of Sport* fejn għal darba oħra sar investiment ta` 180 elf Ewro sabiex inkomplu inħeġġu aktar nies. Din is-sena ser inkomplu ninvestu u beħsiebna induru fil-lokalitajiet Maltin u Għawdxin u norganizzaw sport fl-istess lokalitajiet. Barra minn hekk qed inwessgħu iktar il-programmi tagħna u barra li nkabbru il-bracket ta` etajiet, qed inżidu aktar postijiet fejn l-isport u l-attivita' fiżika jiġu prattikati. Hawnhekk anke l-Għaqda Ġurnalisti Sport qed tagħti l-kontribut tagħha billi l-membri jwasslu messaġġ permezz tal-*media* tagħhom u media socjali favur ħajja iktar b'saħħitha permezz ta` l-isport u attivita' fiżika.

**Qed nitkellmu fuq Sport Għal Kulħadd, pero' SportMalta tgħin lill-isport hekk imsejjah *elite* ukoll hux hekk?**

Bla dubju ta` xejn il-kontribut ta` SportMalta lill-aqwa atleti tal-pajjiż huwa kbir. L-assistenza mogħtija lill-Kumitat Olimpiku Malti sena wara sena qed tilħaq somma rekord. Barra minn hekk, hemm numru ta` skemi li jgħinu atleti li jieħdu sehem barra l-pajjiż u anke hawnhekk l-2018 kienet somma rekord. Flimkien mal-Bank of Valletta nedejna ukoll skema ta` għajnuna lill-atleti żgħażagħ, qed inħallsu l-ispejjeż ta` trasport lill-atleti kollha Għawdxin. Qed inħallsu il-*vacation leave* tal-atleti li jieħdu sehem barra l-pajjiż u SportMalta permezz tal-*flexi training scheme* qed tħallas sieghat ta` xogħol lill-atleti li jkunu qed jitħarrġu waqt il-ħin tax-xogħol.

**X'involviment għandha SportMalta f'ambitu internazzjonali?**

L-ebda entita' ma tista tikber hekk ma jkollhix relazzjoni b'saħħitha ma` entitajiet kbar internazzjonali. SportMalta, anke grazzi għall-Presidenza tal-Kunsill fl-2017 kabbret l-*istatus* tagħha sew mal-Kummissjoni Ewropea kif ukoll mal-membri stati. Barra minn hekk NGOs kbar Ewropej qed ikunu huma li jfitxxu lil SportMalta bħala sieħeb u mhux vici versa. Il-ħaddiema ta` SportMalta jieħdu sehem attiv f'numru ta` laqgħat barra minn xtutna u anke jorganizzaw konferenzi f'pajjiżna fejn għalihom jiġu mistiedna kelliema ta` l-ogħla livell. Mhux hekk biss iżda SportMalta taħdem sew ma` l-Università ta` Malta, ma` l-MCAST, ma` l-Iskola Nazzjonali ta` l-Isport, u l-*Health Promotion Unit* sabiex inkomplu flimkien intejbu mhux biss il-livell ta` l-isport kompetittiv, iżda sabiex noħolqu aktar xogħol fil-qasam Sportiv.

**Kif tara lil SportMalta fi snin li ġejjin?**

Jien nara li SportMalta trid tikber ħafna iktar. Id-diskorsi tal-Prim Ministru Joseph Muscat u anke d-diskors tal-budget tas-Segretarju Parlamentari Clifton Grima jagħtu viżjoni dwar dan. Jien nemmen li l-isport Malti jista jilħaq livell ta` eċċellenza fuq numru ta` fronti. Nemmen li nistgħu inkabbru iktar il-faċilitajiet tagħna biex Malta u Għawdex ikunu *hub* għat-training camps u kompetizzjonijiet fil-Mediterran, nemmen li l-Kumitat Olimpiku Malti bl-għajnuna tal-gvern għandu jagħmel qabża fil-kwalita' u nilħqu l-objettiv ta` tielet post fil-klassifika tal-medalji fil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar li ser isiru f'pajjiżna fl-2023. Nemmen ukoll li għandna nkomplu navvanzaw fil-klassifika Ewropea ta` attivita'. Dan isir biss jekk kulħadd iħares lejn l-għan komuni u kulħadd jiġbed ħabel wieħed, il-politici, SportMalta u l-ħaddiema tagħha kif ukoll l-ammont kbir ta' klabbs u għaqdiet reġistrati. Nemmen li jekk dan ssir ikollna Malta iktar parteċipattiva, Malta iktar kompetittiva u Malta ta' success fil-kamp sportiv ukoll .

# L-Akkademji ta' SportMalta, għal aktar eċċellenza fl-isport





**Il-programm #OnTheMove huwa programm popolari u rikreattiv fi ħdan l-awtorita' Maltija tal-isport. Dan il-programm għandu l-għan li jtejjeb il-livell tal-isport f'pajjiżna. Fl-aħħar snin, SportMalta bdiet l-inizjattiva tagħha li toffri s-servizz ta' akkademji bl-għan li tfal u żgħażagħ jilħqu livell u standard għoli fl-isport tagħhom. Attwalmemt, SportMalta qiegħed toffri seba' akkademji li fi ħdanhom atleti ta' talent jiġu mħarrġa biex jikkompetu fl-ogħla livelli.**

Grazzi għall-impenn ta' coaches professjonali, il-progress muri minn dawn l-atleti jidher evidenti fis-suċċessi u fir-riżultati miksuba f'kompetizzjonijiet nazzjonali u xi kulħadd anki f'dawk internazzjonali. Uħud mill-akkademji mmexxija minn SportMalta huma organizzati bil-kollaborazzjoni tal-assoċjazzjonijiet nazzjonali sportivi Maltin bħal Malta Triathlon Association, Malta Volleyball Association, Malta Basketball Association, Malta Badminton Association u l-ASA. Din il-kollaborazzjoni hija strumentali għas-suċċess u l-kontinwazzjoni ta' dawn l-akkademji. L-atleti fi ħdan l-akkademji jingħataw opportunitajiet anki ta' training camps u parteċipazzjonijiet f'kompetizzjonijiet u tornej internazzjonali.

It-tmexxija tal-akkademji ta' SportMalta u l-assoċjazzjonijiet sportivi jimmassimizzaw ir-riżorsi tagħhom biex jagħtu l-aktar u l-aqwa opportunitajiet ta' taħriġ lill-atleti fi ħdanhom ħalli dawn ikomplu jirsistu biex jakkwistaw l-aqwa riżultati u jilħqu l-ogħla livelli personali. Dan anki għall-ġid tal-isport Malti. Hija wkoll l-intenzjoni ta' SportMalta li tkompli timraħ u li tiftaħ aktar akkademji fil-futur qrib. Jekk int jew uliedek jixtiequ jingħaqdu ma' waħda mill-akkademji ta' SportMalta tista takkwista aktar informazzjoni billi żżur is-sit www.sportmalta.org.mt



# Studenti tal-iskola nazzjonali tal-isport jiddiskutu l-viżjoni għall-isport

Ritratt: DOI - Rueben Piscopo

**Dan l-aħħar l-istudenti tal-iskola nazzjonali tal-isport spjegaw lill-kummissjoni għall-istrateġija nazzjonali tal-isport, li għalihom huwa kruċjali li l-isport f'pajjiżna isir dejjem iżjed professjonali u li l-midalji huma importanti. Huma enfasizzaw li Malta għandha dejjem tħares lejn ambjent professjonali għall-isport biex huma bħala atleti jkunu jistgħu jiksbu l-miri tagħhom. L-istudenti esprimew l-ambizzjoni tagħhom biex id-dixxiplina sportiva li huma jipprattikaw fiha tkun strutturata b'mod dejjem aktar serju u ta' livell għoli biex huma jkunu iktar f'qagħda li jikkompettu barra minn Malta u jiksbu r-riżultati.**

Din il-laqgħa kienet waħda minn sensiela li l-kummissjoni qiegħda tagħmel biex tiġi mfassla strateġija sabiex ir-riżultati li l-atleti tagħna ġabu f'dawn l-aħħar snin, jitjiebu u għalhekk din l-istrateġija mhux ser tkun immirata biss lejn it-tkattir ta' parteċipanti fl-isport iżda l-kisba ta' rebħ u medalji f'kull dixxiplina sportiva possibbli fil-manifestazzjonijiet sportivi internazzjonali l-kbar.

Is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u l-Għaqdiet tal-Volontarjat Clifton Grima qal li "kif smajna mill-istudenti, hemm rieda qawwija mit-tfal stess biex l-isport li huma jipprattikaw ikun f'qafas iktar professjonali. Il-gvern hu impenjat li jkompli jgħolli l-livell tal-isport f'pajjiżna b'aktar investiment permezz tal-istrateġija nazzjonali tal-isport. Għal dan il-għan inħolqot kummissjoni fejn qiegħda tiltaqa' mal-assoċjazzjonijiet sportivi biex naraw kif l-atleti żgħar ikunu jistgħu jeċċellaw kemm lokali u kif ukoll fuq livell internazzjonali."




## Il-gvern jappoġġja ż-żjara ta'

# Fiorentina f'Malta

Il-Ministru għat-Turizmu Konrad Mizzi u s-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet tal-Volontarjat Clifton Grima, ndirizzaw konferenza stampa ġewwa l-lukanda Radisson Golden Sands, fejn ingħataw aktar dettalji dwar il-mawra ta' dan it-tim għall-kamp ta' taħriġ, segwita minn żewġ partiti kontra Gżira Utd u Hibernians.

Il-Ministru Mizzi qal li huwa unur li ser nkunu qed nospitaw dan it-tim tal-futbol tant popolari mis-Serie A, ACF Fiorentina hawn Malta u kif ukoll huwa ferm pożittiv il-fatt li ser ikollna ċans narawhom kontra ż-żewġ timijiet li preżentament qed jokkupaw l-ewwel żewġ postijiet fil-klassifika tal-Premier League Malti. Filwaqt li awgura lit-tim mis-Serie A l-kumplament tas-suċċess għat-tieni parti tal-istaġun, il-Ministru Mizzi spjega kif Malta qed tistabilixxi postha bħala destinazzjoni Mediterranja ta' eċċellenza għas-sena kollha b'ħafna aspetti pożittiv x'toffri.

Żied jgħid li barra li pajjiżna qed jilqa avvenimenti kbar ta' fama mondjali għal kull eta' u kif ukoll is-sbuħija naturali u kulturali, Malta hija post ideali għall-kampijiet ta' taħriġ sportivi minħabba l-faċiltajiet li noffru, lukandi, lingwa, klima u distanza. Fl-aħħarnett il-Ministru Konrad Mizzi rringrazzja lill-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu għall-impenn biex tattira u tissapportja dan l-avveniment, fejn kien hemm pjan ikkordinat mill-istess awtorita' biex jiġu attirati kampijiet ta' taħriġ. Avvenimenti bħal dawn kienu suċċess u ġġeneraw madwar 10,000 u 12,000 ljieli ta' akkomodazzjoni kull sena fix-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu. Il-Ministru għalaq billi semma li bħal dan l-avveniment diġa hemm oħrajn ikkonfermati u ppjanati li mistennija jkunu ta' nteress għad-dilettanti tal-futbol lokali u nternazzjonali.

Is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet tal-Volontarjat Clifton Grima saħaq li wara s-suċċess taż-żjara tal-Olandiżi PSV Eindhoven u timijiet oħra fosthom il-Pollakki Legia Varsavja s-sena li għaddiet, iż-żjara tal-Fiorentina se tkun mill-aqwa wkoll peress li pajjiżna jinkorpora fih l-ingredjenti kollha meħtieġa fosthom pitches tal-ogħla livell, lukandi tajbin, temp mill-aqwa, atmosfera tajba u ħafna persuni li jħobbu l-football.

"Fis-snin li għaddew in-numru ta' talbiet minn uħud mill-aqwa clubs Ewropej biex jorganizzaw training camps f'Malta żdiedu bil-bosta. B'rispons għal dan iddeċidejna li nkomplu bl-avvanzi tagħna biex intejbu l-faċilitajiet tagħna biex inkunu f'pożizzjoni aħjar biex nospitaw iktar timijiet u nkomplu niżviluppaw is-suq tagħna," saħaq Dr Grima.

Preżenti għall-konferenza stampa kien hemm ukoll il-coach ta' ACF Fiorentina, Stefano Pioli, il-Viċi-President ta' ACF Fiorentina Gino Salica, l-ex player leġġendarju ta' Fiorentina, illum dirigent mal-istess klabb, Giancarlo Antognoni, li kollha kellhom tifħir lejn il-faċiltajiet sportivi lokali, is-sbuħija tal-pajjiż u kif ukoll l-akkoljenza u l-professjonalita' minn naħa tal-Gvern.

Il-kowċ ta' Gżira Utd, Darren Abdilla u l-coach ta' Hibernians, Stefano Sanderra, li wkoll indirizzaw din il-konferenza stampa, kollha esprimew kemm huwa mportanti għat-tim u għas-sapporters tat-timijiet rispettivi li jgawdu minn din l-esperjenza.



# Ħafna aktar players barranin fil-Kampjonat Premier



**In-numru ta' players barranin fil-Kampjonat Premier kompla jiżdied meta reġa' beda l-Kampjonat fl-ewwel jiem tas-sena l-ġdida. Dan in-numru mistenni jkompli jiżdied sa tmiem dan ix-xahar. Dan se jkompli jheġġeġ id-dibattitu bejn il-klabbs tal-Premier jekk in-numru ta' barranin għandux jiżdied minn sebgħa għal tmax. Minbarra l-influss ta' aktar players barranin saru xi trasferimenti ta' players Maltin u fost dawn spikkaw ir-ritorn ta' Paul Fenech ma' Balzan FC u l-akkwist minn Birkirkara ta' Johan Bezzina u wkoll lil Clayton Failla li beda dan l-istaġun ma' Floriana. Failla li beda l-karriera ma' St. Patrick FC, lagħab ukoll ma' Hibernians u Sliema Wanderers.**

Fil-grupp ta' wara hemm Ħamrun Spartans, Sliema Wds, Birkirkara u Balzan FC li bejniethom hemm żewġ punti jifirduhom. Fit-tielet grupp sal-14-il logħba hemm it-timijiet ta' St. Andrew's, Floriana, Mosta, Pieta H, Senglea u Qormi. Beda wkoll it-tieni rawnd u Hibernians, Gżira Utd u Valletta għadhom f'taqtiegħa bejn tliet għar-rebħ tal-kampjonat. Apparti minn Valletta, Gżira Utd u Hibernians akkwistaw barranin ġodda biex jissaħħu.

Giammarco Conti irritorna ma' Gżira Utd li akkwistaw wkoll lil Justin Junior Mengolo mill-Kameroon wara li telaqhom Jorginho li hu wieħed minn ħafna players li sieħbu lil Birkirkara. Magħhom ingħaqdu wkoll Maurizio Vella u Clayton Failla mingħand Floriana u Johann Bezzina mingħand Hibernians. Ma' Birkirkara ngħaqad ukoll l-eks internazzjonali Norveġiż , John Arne Rise eks player ta' Monaco, Liverpool, Roma, Fulham u Apoel Nicosia.

Ritratti: Dominic Borg, Christine Borg





Ma' Hibernians, se jirritorna l-midfielder attakkant Awstrijak Marco Sahanek li diġa' kien ma' Hibernians fl-ewwel parti tal-istaġun 2017-18. Balzan FC reġgħu ħadu lura lil Paul Fenech u akkwistaw mingħand Slavia Sarajevo lid-difensur ċentrali Bosnjak Aleksander Kosoric. Floriana li tilfu l-punt li kienu rebħu St. Andrew's wara protest akkwistaw lil Edward Herrera mingħand Birkirkara. Floriana fl-ewwel logħba tal-2019 ħadu punt fi draw kontra Ħamrun Spartans.

Mosta, wara li akkwistaw lil Duane Bonnici mingħand Naxxar Lions, ħadu wkoll lid-difensur ċentrali Amerikan Gianluca Cuomo Iż-żewġ timijiet tal-qiegħ Qormi u Senglea, fl-ewwel jiem ta' Jannar għamlu l-akbar numru ta' akkwisti bit-tama li jkunu aktar kompetittivi fit-tieni rawnd. Senglea għamlu sitt akkwisti, il-Marokkin Siddy El Mehdi, il-Brażiljani Romulu Silva Santos u Francisco Diego Venancio da Silva, is-Serbjani Marko Batinca u Nicola Midic u l-Ġappuniż Yudai Miyamoto. Qormi għamlu ħames akkwisti, il-Brażiljani Mateus Reyes da Silva, Lucas Santana dos Santos u Wellington de Oliveira Vieria, il-Franċiż Freud Gnindokponou u t-Taljan Antonio Pozzi. L- ewwel logħba tat-tieni rawnd għaż-żewġ timijiet kienet kontra xulxin u kienu Senglea li ħarġu rebbieħa 4-0.

Fil-laqgħa tal-Kunsill tal-MFA ta Jannar, tħabbar li l-MFA sal-31 ta Diċembru kienet tat 81,555 euro lill-klabbs tal-Premier Division kumpens talli użaw players Maltin li huma taħt il-21 sena għal aktar minn 30 minuta. B'kollox il-klabbs użaw il-players 233 darba b'Qormi użaw erba' player 42 darba u Mosta użaw ukoll erba' players 33 darba. St. Andrew's użaw sitt players. Aħbar oħra ta' interess kienet li sa Diċembru 2018, Malta qed tokkupa il-182 post fir-rankings tal-FIFA.

## Valletta jilħqu lil Hibernians

Il-Ħadd 20 ta' Jannar saret il-partita tant mistennja bejn Hibernians u Valletta għan-naħa ta' fuq tal-klassifika. Kienu Valletta li ħarġu rebbieħa 2-1.

B'hekk Valletta laħqu lil Hibernians f'ras il-klassifika b'34 punt minn ħmistax -il logħba.





# Esperjenza pożittiva fit-Tajlandja

Matul ix-xahar ta' Diċembru, it-tim nazzjonali ta' taħt il-15-il sena kien mistieden sabiex jipparteċipa f'turnament ġewwa l-Asja, propju fit-Tajlandja.




**Malta ħadet sehem grazzi għal programm bl-isem ta' UEFA Assist programme, li huwa proġett li l-għan tiegħu huwa li jagħti assistenza lil konfederazzjonijiet u lil assoċjazzjonijiet membri rispettivi tagħhom madwar id-dinja.**

Taħt it-tmexxija tal-kowċ Dorianne Theuma, Malta lgħabet tliet partiti fejn fetħet l-impenji tagħha kontra l-Mongolja qabel ma ltaqet ma' Singapore. It-tim Malti għalaq l-impenji tiegħu kontra l-organizzaturi, it-Tajlandja bil-partiti kollha jintlgħabu fiċ-Chang Arena, id-dar tat-tim Tajlandiz ta' Buriram United.

Fl-ewwel partita, Malta bdiet fuq nota pożittiva hekk kif għelbu lil Mongolja bl-skor ta' 3-2. Il-gowls waslu permezz ta' Kailey Willis, Haley Bugeja u Veronique Mifsud.

Il-plejers utilizzati għal din il-partita kienu: M. Cachia, M. Fenech, A. Gatt, G. Mifsud, I.C. Dimech, E. Sissons, M. Lucia (90 R. Borg), H. Bugeja (69 M. Cardona), V. Mifsud, H. Khatib (64 M. Cortis), K. Willis (84. K. Micallef).

Kontra Singapore, Malta kisbet it-tieni rebħa konsekuttiva hekk kif gowls ta' Kailey Willis tliet darbiet u Veronique Mifsud, it-tnejn ta' Birkirkara, għenu lil Malta tikseb it-tliet punti permezz ta' rebħa ta' 4-0.

Il-kowċ Theuma għamlet użu minn dawn il-plejers li ġejjin għal dan il-konfront: J. Caruana, L.C. Dimech (64 N. Blundell), A. Gatt (46 I. Camilleri), M. Fenech, R. Borg, M. Lucia (72 G. Mifsud), V. Mifsud (49 H. Khatib), M. Cortis, T. Borg, E. Sissons, K. Willis (67 R. Laferla).

Madankollu, t-tfajliet Maltin naqsu li jgħalqu t-turnament bi tliet rebħiet meta sofrew telfa ta' 2-0 kontra t-Tajlandja fl-aħħar logħba.

Theuma, li hija anke plejer ta' Hibernians u kaptin tat-tim nazzjonali Malti mmexxi minn Mark Gatt, użat dawn il-plejers: M. Cachia; H. Bugeja (88 H. Khatib), E. Sissons, V. Mifsud, K. Willis (90 M. Cortis), M. Lucia, M. Fenech, A. Gatt, G. Mifsud, M. Cardona, L.C. Dimech.




## L-iskwadra kienet din:

**GOWLKIPERS:**
Maya Cachia (Mosta), Justyne Caruana (Luxol Raiders).

**DIFENSURI:**
Alexandra Gatt (Mġarr United), Laura Chetcuti Dimech (Luxol Raiders), Martina Fenech (Mosta), Izabella Camilleri (Gozo), Naomi Blundell (Luxol Raiders), Mariah Cardona (Birkirkara), Rhea Borg (Mosta).

**MIDFILDERS:**
Kaycee Micallef (Birkirkara), Hannah Khatib (Hibernians), Martina Cortis (Mosta), Maya Lucia (Luxol Raiders)), Haley Bugeja (Mġarr United), Elena Sissons (Hibernians), Rebecca Laferla (Mġarr United), Georgiana Mifsud (Gozo).

**ATTAKKANTI:**
Thea Borg (Gozo), Kailey Willis (Birkirkara), Veronique Mifsud (Birkirkara).

Dan it-turnament ġewwa t-Tajlanda serva wkoll bħala preparazzjoni għal UEFA Women's Development Tournament li jsir kull sena, f'Marzu. Matul l-2019, Malta se tospita dan it-turnament bejn it-3 u d-9 ta' Marzu fejn it-tim ta' Theuma se jaffronta timijiet tal-istess faxxa - Ġibiltà, Andorra u Albanija. F'dan it-turnament, il-plejers għandhom ammont ta' minuti li jridu jilgħabu sabiex jintlaħaq l-skop ta' dan l-avveniment, li huwa li l-plejers jkollhom ammont sostanzjali ta' minutaġġ f'saqajhom sabiex ikattru iżjed esperjenza internazzjonali.

Barra minn hekk, l-ikbar appuntament għal din is-selezzjoni huwa iżjed tard din is-sena hekk kif it-tim immexxi minn Theuma se jkun qiegħed ġewwa l-Belarus sabiex jilgħab fil-fażi ta' kwalifikazzjoni għal kampjonati Ewropej ta' taħt is-17-il sena li se jsiru fl-2020.

Din il-fażi se tkun qed issir bejn it-13 u t-22 ta' Settembru, b'Malta tiġi mpoġġija fl-istess grupp tal-organizzaturi Belarus, Iżlanda u l-ġganti ta' Franza.

# Sessjonijiet wara l-ħin tal-iskola - proġett ġdid



**Matul ix-xahar ta' Diċembru, id-dipartiment tal-futbol tan-nisa fi ħdan il-Malta Football Association organizza turnament għal skejjel li qegħdin jieħdu sehem fl-after-school sessions sabiex ikollhom l-opportunità li jilgħabu partiti organizzati u kompetittivi, ġewwa c-Centenary Stadium.**

Barra minn hekk, kien hemm anke l-parteċipazzjoni ta' xi membri min-nazzjonali ta' taħt is-16 u 19-il sena fejn dawn ipparteċipaw anke f'sessjoni ta' mistoqsija u tweġiba ma' dawn il-bniet.

Bħala parti mill-programmi ta' żvilupp fil-kamp femminili, iżjed kmieni matul is-sena 2018 kien ġie mniedi l-programm tal-after-school sessions fuq bażi ta' proġett pilota.

Dawn is-sessjonijiet kienu qegħdin isiru fi skejjel ġewwa Malta u Għawdex matul ix-xhur li għaddew, bil-parteċipazzjoni ta' bniet bejn is-seba' u l-għaxar snin - din hija l-età li fiha t-tfal jibdew jitgħallmu l-bażi tal-futbol u jibdew isaħħu l-pedament tat-talent tagħhom.

Total ta' 185 parteċipanta kienet involuta f'dan









il-proġett, bl-iskejjel parteċipi jkunu: Birkirkara Primary School (19 girls), Birżebbuġa Primary School (29), Fgura Primary School (24), Sacred Heart Junior School (14), St Joan Antide Primary School (31), St Martins College (12), St Paul's Bay Primary School (37) u Bishop's Conservatory Primary School – Gozo (19).

Hekk kif ingħata bidu għal staġun 2018/2019, l-ammont ta' skejjel tela' għal 10 hekk kif żdidu l-iskejjel ta' Vittoriosa Primary School, Cospicua Primary School, St. Joseph Junior School (Sliema) u San Ġwann Primary School, bl-ammont ta' bniet li qegħdin jieħdu sehem jitla għal madwar 250. Dawn is sessjonijiet bdew f'Novembru u jispiċċaw fl-aħħar tal-istaġun normali, jiġifieri f'Mejju.

Sadanittant, l istess avveniment li ġie organizzat f'Diċembru se jkun qiegħed isir anke matul il-vaganzi tal-Għid, iżjed tard din is-sena.

*Għal iżjed informazzjoni rigward il-futbol tan-nisa, wieħed jista jżur il-paġna ta' Facebook (MFA Women's Football) jew jibgħat email fuq footballgirls@mfa.com.mt.*

# Il-Malta Pool Association

## tagħlaq is-sena b'żewġ tornej importanti.



Ix-xahar li għadda saru l-ewwel serje ta' World Ranking Tournaments għal dan l-istaġun. Fil-kategorija ta' l-irġiel Antoine Aquilina kiseb rebħa kbira ta' 8-2 fil-finali kontra Kevin Mercieca. Grazzi għal din il-finali ż-żewġ players kisbu post fit-tim nazzjonali ta' l-irġiel li ser jirrapreżenta lil Malta fil-kampjonati mondjali li ser isiru ġewwa Blackpool, l-Ingilterra, f'Ġunju li ġej. Fil-kategorija ta' l-Over 50's kellna r-rebħa ta' Stephen Scicluna li f' finali missielta għeleb lil Brian Grech bl-iskor ta' 8-6. Il-kategorija ta' l-Under 23's rat it-rebħa ta' Dejan Grech meta fil-finali għeleb lil Ryan Pisani bl-iskor konvinċenti ta' 8-2. Christian Spiteri kien ir-rebbieħ tal-kategorija taż-żgħażagħ ta' taħt it-tmintax-il sena meta fil-finali għeleb lil Steve Muscat bl-iskor ta' 6-4. Din kienet l-ewwel serje ta' tournaments minn tlieta riservati għall-kwalifikazzjoni għall-kampjonati mondjali. Iż-żewġ serje ta' tournaments oħra ser isiru f'Marzu u April.

Fl-istess jiem intlagħbet ukoll il-kompetizzjoni tal-Milied tat-timijiet fejn il-protagonisti kienu t-tim ta' Splendid Bar li fil-finali xejjen l-isfida ta' Jojo's Bar B' Bugia bl-iskor ta' 10-2. Kif juri r-riżultat it-tim minn Hal Qormi kien superjuri għal dak ta' B' Bugia u b'hekk għalaq is-sena b' rebħa mistħoqqa. It-tim rebbieħ ta' Splendid Bar kien kompost minn Mario Brincat, Ryan Falzon, Miguel Falzon, Mario Cutajar, Anton Cuschieri u Wayne Bonnici.




db
HOTELS + RESORTS








MALTA POOL
ASSOCIATION

# Marilyn Micallef

## tipparteċipa f'Kampjonat Dinji tal-MMA fil-Kanada






**Marilyn Micallef** ġellieda tal-MMA, suldat fil-Forzi Armati ta' Malta u membru taċ-Checkmate Fight Club Malta ftit tal-ġimgħat ilu rrappreżentat lil Malta waqt l-akbar kompetizzjoni tal-Mixed Martial Arts (MMA) fid-dinja li saret fil-Kanada. Micallef għandha 25 sena u hija miż-Żurrieq. Hi imħarrġa minn Charlo' Spiteri.



**Kif daħlet f'dan l-isport Marilyn?**
Marilyn bdiet f'dan l-isport erba' snin u nofs ilu u ma kienet tagħmel xejn qabel imma riedet tipprova din l-arti marzjali mħallta.

**Liema kienet l-ewwel ġlieda Ju Jitsu semi-pro għal Marilyn?**
Marilyn ikkompetiet għall-ewwel darba bħala semi pro fir-Renju Unit fejn kellha rebħa kontra ġellieda Ġermaniża. Din kienet esperjenza li żgur ma tinsa qatt.

**Kif intgħażlet biex tirrapreżenta lil Malta?**
Marilyn ħadet sehem f'żewġ kompetizzionijiet kbar f'Malta (Centurion Fighting championship) li ilha tiġi organizzata Malta għal numru ta' snin. Hi qalbet professjonali u kellha żewġ fights u t-tnejn kienu rebħiet kontra ġellieda Taljani. Hija ntgħażlet f'din il-kompetizzioni minn CFC Malta minn kompetizzjoni MMA ta' Malta u billi kienet imfittxija minn organizzaturi biex tieħu sehem f'kompetizzjonijiet kbar barranin ħadet sehem fil-kompetizzjoni ta' dan l-aħħar.

**Kompetizzjonijiet u futur ta' Marilyn?**
Kellha rebħiet b'technical knock out jew aħjar kif inhi magħrufa TKO. Ingħatat (UFC fight pass) u wara li kellha rekord ta' rebħiet is-sena li għaddiet. Barra dan, jekk tingħata livell ta' multi-fight, hi jkollha taqleb direttament mal-UFC. Marilyn hija l-uniku atleta Maltija li qatt waslet sa dan il-livell biex setgħet tirrappreżenta lil Malta fil-Kanada biex tagħmel unur lil pajjiżna.

Mitlub jikkummenta dwar din il-mawra u parteċipazzjoni fil-Kanada, il-coach ta' Marilyn, Charlo' Spiteri tenna li Marilyn rebħet l-ewwel round ġiet draw fit-tieni round u fit-tielet round tilfet għax lil Marilyn waqqafha hu iżda kollox ma' kollox marru verament tajjeb meta tikkunsidra l-vjaġġ twil li kellhom jagħmlu.

# L-unur ta' Champion tad-Dinja
## jibqa' ttimbrat f'moħħu għal dejjem




**Charles Aquilina** huwa membru tal-klabb tas-subbuteo ta' Bormla u ċ-Champion preżenti tad-Dinja tal-veterani, unur li rebaħ f'Ġibilta'. Tul il-karriera tiegħu li tmur lura 23 sena rebaħ ħafna unuri kbar kemm f'Malta kif ukoll fix-xena internazzjonali. F'intervista ma' SPORTIV hu wera x-xewqa li jgħaddi dak li tgħallem lil dawk li jixtiequ jibdew il-logħba biex fil-futur ikun hemm aktar Maltin li jiksbu suċċess.

**Kif beda l-interess tiegħek fit-Table Football jew kif inhu magħruf bħala Subbuteo?**

Minn meta kont tifel dejjem kont dilettant ta' din il-logħba. Kont nilgħab ma' ħuti u n-neputijiet mingħajr regoli ovvjament, għax ir-regoli konna nagħmluhom aħna dak iż-żmien. Fl-1995-96 kont rajt avviż f'gazzetta li kien igħid li min ried ikun jaf iktar fit-Table Football javviċina liż-Zabbar Subbuteo Club. Imma ħadt interess partikolari għaliex il-bniedem kont nafu, dak iż-żmien kien DJ u l-lum hu preżentatur. Minn hemm bdiet in-namra tiegħi lejn il-logħba. Rawni nilgħab, rawni nitflikkja u mill-ewwel gbidt l-attenzjoni li għandi idejja qisha qegħda hemm għal ċertu flicks.

**F'Malta kif inhu organizzat dan l-isport, x'tip ta' kompetizzjonijiet isiru u kemm hawn players li jipprattikaw?**

F'Malta tieħu ħsieb dan l-isport l-Assoċjazzjoni nazzjonali, il-MTFSA. Din torganizza l-kampjonati lokali, kif ukoll minn żmien għal żmien torganizza kompetizzjonijiet għat-tazzi. Barra minn hekk il-klabbs preżenti lokali jorganizzaw permezz l-ISSTF, il-Federazzjoni Mondjali. Matul is-sena jkunu organizzati diversi Grand Prix, Satellite touranments u tournaments oħrajn. Kull player iktar jilgħab fil-klabb tiegħu ħlief għal darba f'xahar fejn jilgħab fil-kampjonat nazzjonali.

**Liema kienu t-titlu ewlenin li rbaħt f'dawn l-aħħar snin fix-xena lokali?**

Kienu ħafna imma li jibqgħu f'moħħok huma l-majors li jigu organizzati ħamsa biss f' sena u minn dawn irnexxieli nirbaħ tlieta dan l-aħħar, tnejn minnhom konsekuttivi fil-Greċja u barra minn dawn niftakar li l-ewwel GP li kien organizzat f'Malta u l-ewwel satellite ukoll li sar f'Malta kont irbaħtħom jiena. Hemm diversi unuri li nibqa' niftakar imma riċentament ir-rebħ tat-Tazza tad-Dinja jibqa' l-unur l-aktar prestigjuż. Lejn l-aħħar ta' Otturbu tal-2018, irnexxilna bħala




klabb ta' Bormla naslu runners-up tal-Europa League organizzata għall-klabbs.

**Liema kienu dawk li rbaħt barra minn Malta fix-xena internazzjonali?**

Il-maġġuri jibqgħu ttimbrati f'moħħok għax wara t-Tazza tad-Dinja, il-maġġuri huma l-aktar tornej li jkaxkru punti magħhom. Irbaħt wieħed meta kont mal-Valletta Lions u t-tnejn l-oħra mal-klabb ta' Bormla. Ta' min isemmi wkoll li minbarra dawn irbaħt diversi GP's u tornej internazzjonali u f'tornew internazzjonali li kienu organizzati mill-klabb ta' Bormla irnexxieli f'weekend wieħed nirbaħ il-kompetizzjoni tat-timijiet u kif ukoll l-open. Kien weekend pożittiv ħafna li nibqa' niftakar.

**X'għandu jsir biex dan l-isport f'Malta jkompli jitjieb?**

Il-mira f'moħħok tagħmel kemm tagħmel trid tkun it-triq tal-progress u m'għandek tikkuntenta b'dak li tkun irbaħt għaliex dak ikun il-falliment tiegħek għaliex qatt ma tista' tistrieħ fuq dak li taf. Trid tibqa' dejjem taħdem u iktar ma' tilgħab f'kompetizzjonijiet kapaċi tkabbar il-livell tiegħek.

**X'inhuma l-pjani tiegħek għall-futur?**

Li hu żgur hu li rrid inkompli intejjeb il-livell tiegħi imma fl-istess ħin dan ma nżommux għalija biss imma ngħaddih lil ħaddieħor , lill-membri tal-klabb tiegħi u barra minn hekk meta nkunu sejrin għal xi Tazza tad-Dinja ngħaddi l-esperjenza tiegħi, Il-ħolma tiegħi hi li t-Table Football ikollu ċ-ċentru tiegħu li dak li jkun ikun jista' jmur jipprattika l-logħba hemmhekk fuq tagħmir professjonali u jkun trasmess fih dak li jkun tgħallem ħaddieħor. Għaliex biex il-logħba tibqa' ħajja rridu li aktar żgħażagħ jidħlu f'dan l-isport, jitgħallmu l-logħba u bħal ma sar progress minnha jagħmlu progress huma wkoll.




**Tellieqa unika, iċ-Challenge, kif inhi magħrufa fost il-komunità tal-atletika hija favorita sew fost l-atleti li jixtiequ jisfidaw ruħhom fuq wħud mir-rotot l-aktar xeniċi ta' Malta.**

It-tellieqa ta'42 kilometru hija maqsuma fi tliet taqsimiet. L-ewwel taqsima tibda nhar ta' Ġimgħa b'rotta ta' 10 mili (16 km) fir-raħal ta' Siggiewi, fuq korsa li tieħu lill-atleti lejn l-irdumijiet tan-Nofsinhar ta' Malta, Ħaġar Qim u ż-Żurrieq. It-tieni taqsima hija korsa ta' 5 km tul ix-xatt ta' Marsaskala, filwaqt li l-aħħar u l-itwal parti taċ-Challenge hija rotta ta' 21km li tara kombinazzjoni ta' veduti tal-baħar u veduti tal-paesaġġi fl-inħawi tal-Wardija, San Martin u Għajn Tuffieħa. Ir-rotot assiguraw li l-atleti kellhom taħlita tajba ta' toroq ċatti u bl-għoljiet. Taħlita tajba biex jagħmlu t-titlu ta' Challenge xieraq.

It-taqsima tal-irġiel kienet iddominata minn Charlton Debono li rebaħ it-tielet titlu konsekuttiv tiegħu. Debono rebaħ it-tliet taqsimiet tat-tellieqa, u ġie segwit mill-qrib minn George Ravenhall. It-tielet post f'kull tellieqa kien mirbuħ minn raġel differenti - Duncan Abdilla, Toninu Dimech u Leigh Marshall ħadu posthom fuq il-podju tal-ġurnata fuq ir-rotot ta' 10 mili, 5k u 21km rispettivament. Madankollu kien Duncan Abdilla li ħa t-tielet post fil-klassifika finali.

***"Il-Eurosport Malta International Challenge Marathon hija l-iktar tellieqa iebsa fil-kalendarju tal-atletika Malti u nkun qed nistenniha bil-ħerqa. Din hija t-tielet darba li rbaħt din it-tellieqa. Hija tellieqa li fiha nista' tassew nevalwa l-kundizzjoni atletika tiegħi. Is-sodisfazzjon li nħoss meta nispiċċa it-tellieqa, fl-aħħar ġurnata, huwa diffiċli li wieħed jispjegah!" - Charlton Debono***

It-tellieqa tan-Nisa rat lil Tara Abdilla, fl-ewwel esperjenza tagħha fiċ-Challenge, li




# Charlton Debono jżomm it-titlu, Tara Abdilla tirbaħ l-ewwel titlu tagħha

Il-Eurosport Malta International Challenge Marathon li saret dan l-aħħar, rat li **Charlton Debono** u **Tara Abdilla** jieħdu l-unuri ta' din is-sena fil-maratona mifruxa fuq tlett ijiem.

toħroġ ir-rebbieħa ċara, b'distakk komdu fuq il-medda ta' tlett ijiem. Vita Devjanikova u Caroline Ciappara ħadu post fuq il-podju fit-tieni u t-tielet post rispettivament.

***"Din kienet l-ewwel esperjenza tiegħi fil-Eurosport Malta International Challenge Marathon. Nista' ngħid li kienet esperjenza memorabbli ħafna. Tlett ijiem sħaħ iddedikati għat-tlielaq, fuq rotot xeniċi ħafna. L-isfida biex jintemm dan kollu tagħmilha tant speċjali. Għalkemm it-tlajja iebsin, il-veduta fit-tarf tat-telgħa tkun isbaħ! Ċertament mhux tellieqa li għanda tintilef! "- Tara Abdilla***

Fit-Taqsima Relay, kien Team Barry magħmul minn Jonathan Balzan, Matthew Xuereb and George Taliana li ħa l-unuri. Dan it-tim kien segwit minn GMD (Glen Zammit, Michael Hughes, Drew Lang) u La Salle Team Relay 1 (Chris Mangion, Imed Ben Moussa, Stefan Debono).

Ir-rotot tal-Malta International Challenge huma ċċertifikati mill-AIMS u ċ-Ċertifikat Internazzjonali tal-Kejl inħareġ mill-uffiċjal akkreditat Francesco La Cara li ġie Malta apposta għal dan il-għan.

"Iċ-ċertifikat AIMS jagħmel iċ-Challenge l-unika tellieqa f'Malta approvata mill-AIMS, li kellhom kummenti pożittivi ħafna dwar it-tqassim tal-korsa, u semmew b'mod partikolari d-diversi xenarji offruti lill-atleti. Din iċ-ċertifikazzjoni hija pass ieħor importanti għall-klabb tagħna," spjega Euchar Camilleri, Segretarju Ġenerali Birkirkara St. Joseph Sports Club. "Iċ-Challenge hija waħda mill-avvenimenti ewlenin tagħna u aħna dejjem nistennew bil-ħerqa li nilqgħu l-ħbieb lokali u internazzjonali tagħna".

L-edizzjoni tal-2019 ser issir nhar it-28 – 29 u 30 ta'Novembru. Iktar informazzjoni tinsab fuq http://www.maltachallengemarathon.com/.

# Richard Schultheis

## jirbaħ il-Euromed International Championship għat-tieni sena konsekuttiva.




Kien Richard Schultheis, li rrappreżenta lil Malta u l-Malta Young Sailor's Club, li rebaħ il-Kampjonat internazzjonali Euromed li sar ftit tal-jiem ilu. Hu rreġistra rebħa komda fil-Klassi Optimist Gold Fleet. Schultheis ma kellux bidu tajjeb ħafna, madankollu wera il-ħila tiegħu mit-tieni ġurnata l'hemm biex jibqa fuq il-quċċata tal-klassifika sal-aħħar. L-Isvizzeru Jeanlou Lauber tela' ftit ftit fil-klassifika u spiċċa fit-tieni post, fil-waqt li l-Ungeriż Soma Kis-Szölgyémi, li kien qed jiġġieled għal post aħjar, spiċċa fit-tielet post. Din hija t-tieni rebħa konsekuttiva għal Schultheis f'din il-kompetizzjoni.



Fit-taqsima tad-deheb, livell cadet, kien hemm prestazzjoni tajba mill-Malti Benjamin Vassallo li kiseb it-tielet post f'din il-Kategorija li fiha ħadu sehem erbgħa u ħamsin parteċipant. Fil-flotta tal-Fidda Optimist, l-ogħla postijiet marru għand ir-Russu Daniil Perchik, Pablo Haemmerle tal-Liechtenstein u l-Amerikana Annie Samis. Alana Twomey spiċċat fir-raba' post. Fil-flotta Optimist Novice, il-Kroati Vito Božovic u Oliver Bilic żammew il-pożizzjonijiet tagħhom biex spiċċaw l-ewwel u t-tieni rispettivament, filwaqt li Vanja Ramm Ericsson, li rrappreżentat ir-Royal Malta Yacht Club, ħadet it-tielet post fuq il-podju.

Fit-tliet klassijiet tal-flotta tal-Laser (4.7, Standard u Radial), baħrin Maltin oħra rnexxielhom jiksbu riżultati tajbin. Fil-Klassi 4.7, Saul Vassallo (Malta Young Sailors Club) għamel prestazzjoni tajba biżżejjed biex jitla' lura fit-tieni post. Hu tilef dan il-post temporanjament fit-tielet ġurnata tat-tlielaq. L-ewwel post mar għand Andrey Verdysh (l-Ukraina) filwaqt li t-tielet post spiċċat Alana Coakley (l-Irlanda). Fil-klassi standard, Karl Miggiani (Malta Young Sailors Club) ukoll irnexxielu jiżgura t-tieni post wara Upamanyu Dutta ta' l-Indja. Fit-tielet post temm l-Isvediż Jacob Kjellsson. Il-klassi radius intrebħet minn Nethra Kumanan (Royal Malta Yacht Club), li kienet fuq quddiem għal ħafna mill-kompetizzjoni, fit-tieni post spiċċa Ahmed Alhamdi (UAE), filwaqt li t-tielet post ġie meħud mill-Malti Zachary Zammit (Malta Young Sailors Club).

"Ninsabu sodisfatti ħafna bir-riżultat ġenerali tal-Mapfre Middlesea Euromed International Championships. Dan kien ir-riżultat ta' xhur ta' xogħol iebes biex dawn il-baħħara jiġu jtellqu f'Malta. Dan l-avveniment mhux biss ipoġġi l-isport tal-ibburdjar Malti fuq il-mappa internazzjonali imma wkoll jagħti lill-baħrin lokali opportunità kbira biex jikkompetu f'ibħra lokali kontra flotta internazzjonali," spjega Chris Bajada, Commodore, tal-Malta Young Sailors' Club.

Id-dsatax-il edizzjoni tal-Mapfre Middlesea Euromed International Championship ġiet organizzata mill-Malta Young Sailors Club taħt l-awspiċi tal-Malta Sailing Federation. Il-Kampjonat kien sponsorjat minn Mapfre Middlesea u appoġġjat minn Yachting Malta.



# Marlon Caruana

## fuq Mercedes jirbaħ il-25 edizzjoni tad-Demolition Derby

Ritratti: Mario Micallef



**L-Assoċjazzjoni Sport Muturi u Karozzi għalqet is-sena 2018 fejn organizzat il-programm speċjali ta' qabel il-Milied b'attivita' annwali speċjali. Din il-ġurnata issa ilha stabbilita sew fil-kalendarju tal-Assoċjazzjoni tant li din kienet il-25 edizzjoni ta' attivita' speċjali biex jinġabru fondi għall-Istrina. F'ġurnata sabiha, li kompliet tinkoraġġixxi iktar l-amministrazzjoni tal-Assoċjazzjoni biex torganizza din l-attivita' tant importanti fejn kien hemm ukoll il-parteċipazzjoni ta' 68 kompetitur f'diversi dixxiplini. Il-qofol ta din il-ġurnata kienet il-famuża Demolition Derby fejn għal din l-edizzjoni, irreġistraw 30 karozza biex jieħdu sehem waqt l-aħħar laqgħa li saret apposta fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport, iżda 25 karozza rnexxilhom jgħaddu mill-proċess tal-iċċekjar.**

Il-Kompetituri tad-Demolition Derby kienu Etienne Piscopo fuq Lada Van, Daniel Gauci Borda fuq Hyundai Estate, Clayton Camilleri fuq Hyundai Stellar, Brian Mascari fuq Lada Van, Frank Butler fuq Volvo, Clayton Gravina fuq Hyundai Stellar, Herman Xuereb fuq BMW, Charlie Falzon fuq Daewoo Racer, John Micallef fuq Hyundai Pony, Isaac Vella fuq Ford Escort, Massimo Versace fuq Hyundai Stellar, Philip Mangion fuq Lada Van, Marlon Caruana fuq Mercedes 123, Joshua Bowell fuq Lada Van, Andre Cassar fuq Mercedes 123, Omar Fouad Tayel fuq Hyundai Accent, Larkin Butler fuq Holden, Leo Butler fuq Mercedes E Class, Daimler Micallef fuq Toyota Corolla, Etienne Galea fuq Datsun Van, Joshua Peplow fuq Kia Mentor, Karl Mizzi fuq Ford Consul, Jurgen Gatt fuq Volvo, Micheal Delia fuq Lada Van u Rodorick Schombri fuq Peugeot 405.

Fuq trakka imxarrba apposta għas-sigurta' tal-kompetituri mijjiet ta' spettaturi attendew biex jaraw din il-25 edizzjoni tad-Demolition Derby li iktar mis-sena l-oħra kienet iddominata minn diversi tipi ta' karozzi moderni. Mal-ħin tat-3:30pm ingħata s-sinjal biex tibda d Demolition fejn wara zewġ dawriet (exhibition Laps) mal-korsa, rajna dawn il-karozzi joffru spettaklu ta' ħbit b'tattika







speċjali qabel ma jiġu mormija bħala scrap metal. Fosthom spikkaw il-karozzi Mercedes E Class moderna misjuqa min Leo Butler li kienet l-iktar karozza moderna kif ukoll spikkaw il-karozzi Mercedes 123, Holden u Ford Consul li kienu karozzi antiki imma b'saħħithom ħafna. Din is-sena spikkat ukoll il parteċipazzjoni tal Korp tal Pulizja fejn is sezzjoni tal-garaxx ta' l-istess korp flimkien mas-Sezzjoni tal-korp li tiehu ħsieb l-isports ħadu din l-inizjattiva biex jipparteċipaw f'din l-attivita'.

L-Assoċjazzjoni innutat ukoll li l-parteċipazzjoni f'din id-demolition dejjem qed tara sewwieqa ġodda. Fil-fatt f'din l-edizzjoni nofs is-sewwieqa li rreġistraw ħadu sehem għall-ewwel darba. Dan ikompli jawgura tajjeb għall-futur biex attivita' bħal din tibqa' tittella. Wara madwar siegħa t-taqtiegħa spiċċat bejn żewġ karozzi; il-Mercedes 123 misjuqa minn Marlon Caruana u l-karozza Holden misjuqa minn Larkin Butler li ġejjin mill-istess tim. Dawn it-tnejn għamlu 10 minuti jissieltu u jaraw min minnhom se jirnexxielu jagħti l-aħħar daqqa bil-konsegwenza li xi ħadd jieqaf u b'hekk dak li jibqa jaħdem u jimxi jirbaħ it-tiġrija. Ftit sekondi qabel it-tmiem ta' din id-Demolition kienet daqqa wiċċ ma' wiċċ li ħalliet lil Larkin Butler bil-magna taħdem imma ma jistax jimxi u b'hekk spiċċa kellu jirtira biex Marlon Caruana fuq Mercedes 123 rebaħ il 25 edizzjoni. Runner up tiegħu spiċċa Larkin Butler fuq Holden.

Intant l-Assoċjazzjoni ħabbret li d-dati tad-Demolition Derbies għall-2019 jinsabu diġà fuq is-sit elettroniku fejn fost l-attivitajiet diġa bdew il-preparamenti biex issir l-ewwel Demolition għal din is-sena. Għall-ewwel darba ser tkun qed issir id-Demolition bis-sewwieqa nisa. Din l-inizjattiva qed issir biex tkompli tħeġġeġ il-mara tkun viċin iktar l-isports tal-karozzi li huwa iktar abbinat ma' l-irġiel. Din id-Demolition ser issir nhar il-Ħadd 24 ta' Frar 2019 u tibda fit-3pm. Għal iktar informazzjoni żur is-sit elettroniku fejn wieħed jista jsib kwalunkwe informazzjoni dwar l-Għaqda fis-sit tal-Assoċjazzjoni:- www.asmk.org.mt jew fuq Facebook A.S.M.K. Malta.

# Bidu Eċċitanti għal **Staġun Bilanċjat**






Ir-Ray Elliott Cup kienet indikazzjoni tal-logħob li segwa hekk kif kemm fil-kampjonat Cisk Lager kif ukoll fil-kompetizzjoni tal-MeDirect Cup, l-erba' timijiet – Falcons, Kavallieri, Overseas u Stompers – kienu ferm viċin b'xalata ta' tries f'kull partita fejn kull tim joffri sfida għar-rebħ tal-unuri. Interessanti li l-Malta Rugby Football Union introduċiet sistema ta' Bonus Points fejn apparti l-punti għal kull rebħa jew draw, jingħataw ukoll punt fil-klassifika lit-tim li jitlef b'inqas minn 7 punti u lit-tim li jagħmel iktar minn 4 tries fil-logħba. Dan deher li qed jagħmel il-logħob iktar interessanti sa tmiem it-tieni taqsima.

Robert Portelli
Ritratti: Ian Aquilina




Il-kompetizzjoni għall-MeDirect Cup bdiet fit-8 ta' Diċembru bit-tim ta' Kavallieri jaħsad lit-tim ta' Overseas b'rebħa ta' 25 bi 17. Overseas li minn naħa tagħhom rebħu lill-istess Kavallieri 3 ġimgħat qabel sofrew mid-dixxiplina hekk kif taw numru ta' penalites li minn naħa tagħhom Kavallieri ikapitolizzaw. Iżda l-ferħ ta' Kavallieri ma tantx dam hekk kif ġimgħa wara ltaqgħu ma' Stompers li kienu f'vena tajba u f'temp xitwi ħarġu rebbieħa. Wara l-waqfa tal-Milied Stompers komplew fejn ħallew b'rebħa kombattuta kontra Falcons fejn kellhom jitħabtu sal-aħħar batuti għal skor ta' 43 b'41. Falcons minn naħa tagħhom reġgħu kienu fl-azzjoni ġimgħa wara fejn taw wirja tajba hekk kif irnexxielhom iġibu fix-xejn lill-avversarji Overseas bi skor ta' 48 għal 7. Din kienet l-ewwel rebħa għal Falcons fuq Overseas minn kemm ilhom jilagħbu fl-ogħla diviżjoni. B'hekk wara li kull tim lagħab żewġ logħbiet, Stompers jinsabu l-ewwel b'10 punti, Falcons warajhom b'7 punti, warajhom Kavallieri b'5 punti bit-tim ta' Overseas għad irid jiġbor l-ewwel punt.

Fis-sezzjoni tan-nisa kompliet id-dominanza minn naħa tat-tim ta' Falcons, fejn wara r-rebħ tal-kampjonat fives u t-turnew tal-Milied, huma komplew jiddominaw fil-kampjonat sevens hekk kif wara 6 logħbiet għadhom bla telfa. Jidher li din is-sena l-ikbar sfida se tiġi mit-tim ta' Kavallieri li se jkunu qed jagħmlu minn kollox biex iċaħħdu lil Falcons milli jirbħu s-seba' kampjonat konsekuttiv. Wara 4 logħbiet kull tim, Falcons jinsabu fl-ewwel post hekk kif għamlu total ta' 122 punt u sofrew try waħda, warajhom isegwu Overseas b'35 punt favur u 80 kontra, b'Kavallieri fit-tielet post hekk kif għamlu 20 punt u sofrew 92 punt.

Intant l-azzjoni tkompli kull nhar ta' Sibt fil-Kumpless Sportiv tal-Marsa. Għall-iktar informazzjoni żur il-paġna ta' Facebook tal-Malta Rugby Football Union.



# Xagħra A jibqgħu champions

Dak li f'Għawdex kien jidher impossibli li jseħħ matul is-snin kollha, issa nistgħu nerġgħu nikkonfermaw li għat-tieni sena konsekuttiva beda u spiċċa l-kampjonat reġjonali tal-Boċċi bit-tim ta' Xagħra A jżommu t-titlu ta' champions Għawdxin 2018. Madankollu din is-sena huma kellhom sfida qawwija minn Sannat 'A' u kien wara decider mill-iktar eċċitanti li huma baqgħu champions b'rebħa ta' 2-1 (12-8, 7-12, 12-7). Din id-decider kellha tintlagħab wara li ż-żewġ timijiet spiċċaw flimkien f'ras il-klassifika b'27 punt, wieħed biss iktar mit-tim ta' Nadur Boys.

Il-post fejn saret din id-decider kien imtella bix-xorti minn fost dawk il-pitches li fihom sar il-logħob kollu tal-kampjonat fuq bażi ta' home u away, b'dawk tal-istess Xagħra u Sannat inkunu esklużi. Ix-xorti messet lill-pitch ta' Xerri l-Bukkett tal-Qala fejn din il-partita deċiżiva bl-aħjar minn tliet sets minn 12-il punt, saret nhar il-Ħadd 23 ta' Diċembru 2018 quddiem attendenza ferm sabiħa. Din id-decider kienet ikkontrollata mir-referi Louis Grech, b'Xagħra 'A', iffurmat minn Karistu Farrugia; David Sultana u Michael Xerri u b'Victor Cassar u Charlie Vella bħala riservi, bdew l-aħjar fejn ħadu vantaġġ ta' ħames punti u punt fl-ewwel żewġ logħbiet. Sannat 'A' ffurmat minn Joseph Grima; John Azzopardi u Ġiovan Pace wettqu reazzjoni fejn naqqsu d-distakk b'rebħiet ta' 1-0 u 2-0. Madankollu Xagħra rebħu l-partita ta' wara 2-0, b'Sannat iwieġbu b'rebħa simili ta' 2-0. Sannat hawn komplew jilgħabu tajjeb fejn kisbu rebħa oħra ta' 3-0, iżda r-risposta tax-Xagħrin kienet waħda mmedjata b'rebħa oħra simili ta' 3-0 biex kien jonqoshom biss punt biex jgħalqu l-ewwel set, liema rebħa kisbuha fil-logħba ta' wara biex marru jistrieħu fil-vantaġġ.

**Klassifika**

| | L | R | T | PTI |
|---|---|---|---|---|
| Xagħra A | 14 | 27 | 15 | 27 |
| Sannat A | 14 | 27 | 15 | 27 |
| Nadur Boys | 14 | 26 | 16 | 26 |
| Sannat B | 14 | 20 | 22 | 20 |
| Kerċem | 14 | 18 | 24 | 18 |
| Xagħra B | 14 | 18 | 24 | 18 |
| Nadur Valley | 14 | 17 | 25 | 17 |
| Xerri l-Bukkett | 14 | 15 | 27 | 15 |

Xagħra A spiċċaw champions wara li rebħu 2-1 id-decider kontra Sannat A

Sannat ma setgħux ifallu s-set ta' wara fejn minkejja li Xagħra rebħu l-ewwel żewġ logħbiet 3-0 u 1-0, Sannat kisbu d-draw fil-partita ta' wara b'rebħa ta' 4-0. Sannat imbagħad marru fuq quddiem b'rebħa ta' 2-0, iżda tilfu dik ta' wara 0-1. Sannat kważi għalqu s-sets b'rebħa ta' 5-0 biex kien jonqoshom biss punt. Iżda Xagħra rebħu l-logħba ta' wara 2-0 biex baqgħu jittamaw. Madankollu Sannat irnexxielhom jirbħu l-logħba ta' wara 1-0 biex għalqu dan is-set u b'hekk kisbu d-draw biex l-aħħar set kien ser jiddetermina min ser jispiċċa champion.

Wara l-intervall u fost l-iktar eċċitament, Xagħra bdew b'rebħa ta' 1-0, pero' Sannat wieġbu b'rebħa ta' 4-0. Iżda Xagħra b'determinazzjoni ikbar wettqu rebħa sabiħa ta' 5-9 biex ħadu vantaġġ ta' żewġ punti. Sannat naqqsu d-distakk b'rebħa minima iżda Xagħra ħadu rebħa ta' 3-0 biex l-iskor sar 9-5 favur ix-Xagħrin. Sannat naqsu d-distakk b'rebħa ta' 2-0 fil-logħba ta' wara iżda Xagħra neħħewlhom kull tama li jeħdulhom it-titlu b'rebħiet ta' 1-0 u 2-0 biex reġgħu kienu nkurunati champions għat-tieni darba konsekuttiva.

Hekk kif intemmet id-decider saru messaġġi tal-okkażjoni minni wara li kkordinajt dan il-kampjonat, mill-president tal-Assoċjazzjoni Għawdxija tal-Boċċi Louis Grech, kif ukoll minn Justyne Caruana, Ministru għal Għawdex. Wara l-istess Ministru għamlet il-premjazzjonijiet lir-rebbieħa, kif ukoll lill-finalisti. Tkellimna mal-president Louis Grech fejn staqsejnieh fuq kif żvolġa dan it-tieni kampjonat Għawdxi, huwa qalilna li dan kien kampjonat interessanti ħafna bis-sehem ta' tmien timijiet fejn sa mill-bidu deher li ser ikun hemm sfida bejn tliet timijiet, iżda finalment żewġ timijiet spiċċaw f'ras il-klassifika bl-istess punti u għalhekk kien jeħtieġ decider biex ikun determinat min ser jispiċċa champion. Dwar x'diffikultajiet iltaqgħu magħhom, Grech qalilna li dawn kienu inqas minn tas-sena l-oħra, madankollu l-ikbar waħda kienet iċ-ċerta pika qawwija li teżisti bejn l-irħula, xi ħaġa karatteristika tal-gżejjer Maltin u din kienet toħloq ċertu problemi. Fuq id-differenza ta' dan il-kampjonat minn dak preċendenti, il-president żied jgħid li l-livell kien wieħed għola u dan għax ħadu sehem timijiet iktar tajbin mis-sena ta' qabel bħal ma tixhed fuq kollox il-klassifika finali. Dwar fuq kif bdiet l-imħabba tiegħu lejn il-logħba tal-boċċi, huwa stqarr li ilu dilettant ħafna ta' din il-logħba tradizzjonali fejn hawn Għawdex nilgħabu bil-boċċi internazzjonali li huma differenti minn dawk li jilgħabu f'Malta.

Dwar il-kwalita' ta' pitches li hawn imferrxa ma' bosta lokalitajiet, Louis Grech qalilna li kull pitch f'Għawdex nistgħu ngħidu li nsibu xi differenza f'dik li hija kalata u din tagħmilha diffiċli għat-timijiet li jkunu jilgħabu away u għaldaqstant dan il-fattur għamel il-kampjonat mill-iktar interessanti. F'Għawdex din hija logħba antika fejn jiftakar li meta kien żgħir kienu jilgħabu anke b'boċċi taċ-ċomb fejn dawn kienu anke jinqasmu, filwaqt li l-pitches huma xi ftit differenti minn dawk internazzjonali għalkemm ir-regoli huma l-istess.

Fuq x'titjib ra fil-players lokali mis-sena li għaddiet, huwa qalilna li kien hemm miljorament notevoli f'dik li hija dixxiplina fejn il-players issa saru jirrispettaw iktar ir-regoli li huma l-istess għal kulħadd. Bħala investiment, apparti ż-żamma tal-pitches, wieħed kull ma jrid jagħmel huwa li jissieħeb fi klabb u effettivament jibda jilgħab din il-logħba. Huwa temm jappella biex li issa li qbadna dan ir-ritmu organizzattiv permezz ta' dan il-kumitat tal-Assoċjazzjoni, zgur li qed issir ħidma qawwija biex il-futur jibqa wieħed pożittiv. Din hija logħba sabiħa u li teħtieġ konċentrazzjoni massima, u issa bis-saħħa ta' dawn il-kompetizzjonijiet li qed norganizzaw, għandu jħajjar lil dawk iż-żgħażagħ biex jipprovaw din il-logħba billi jidħlu f'xi klabb fejn anke jkunu jistgħu jieħdu sehem fil-kompetizzjoni li jmiss tan-Knock Out

# “Bil-Qari u l-Kitba Niskorja”



Qed noqorbu lejn it-tmiem tar-raba’ ċiklu tal-programm. Baqalna’ biss ftit sessjonijiet u għalhekk ħsibna li nsaqsu lil uħud mill-parteċipanti tagħna xi mistoqsijiet dwar l-esperjenza tagħhom fil-programm ‘Bil-Qari u l-Kitba Niskorja’.

**Liema sessjoni għoġbitek l-aktar?**

Il-Birgu: Ħadna ħafna gost nirreċtaw il-poeżija ta’ Ian Bland bl-isem ta’ “Football in the Living Room”. F’dik il-lezzjoni tkellimna u ddiskutejna r-rima fil-poeżija u ħsibna fi kliem li jirrima li għandu x’jaqsam mal-futbol. Dejjem inkunu ħerqanin biex nilgħabu logħba futbol fl-aħħar tas-sessjoni.

Iż-Żejtun: Il-coach kien jippreparalna ħafna eżerċizzji divertenti ta’ ħiliet differenti tal-futbol, bħal koordinazzjoni, passing u dribbling. Fid-dressing room, konna nieħdu gost nagħmlu l-quizzes. Logħba partikolari li għoġbitna ferm kienet “Football ABC” fejn ridna naħsbu fi kliem li għandu x’jaqsam għal kull ittra tal-alfabett. Ħadna gost naqraw il-gazzetta u niktbu xi mistoqsijiet dwar artikli tal-futbol. Għal ħafna minna, din kienet l-ewwel darba li qrajna gazzetta. Fi żmien il-Milied, qrajna u ddiskutejna kapitlu mill-istorja ta’ Walter Tull, meta fl-lejliet il-Milied tas-sena 1914 is-suldati Ingliżi u Ġermaniżi waqfu mill-ġlied u lagħbu logħba futbol flimkien. Tgħallimna dwar emozzjonijiet differenti li jħossu l-plejers u l-partitarji waqt logħba futbol. Waqt is-sessjoni, dejjem nippruvaw nġibu ruħna tajjob għax ningħataw punti għall-imġieba tagħna.

Ħal Qormi San Bastjan: Niftarku meta ltqajna mal-coach u l-literacy leader l-ewwel darba. Konna tassew eċitati u ferħanin li ngħatajna din l-opportunità li nitgħallmu u nipprattikaw l-isport favorit tagħna. Żgur li se nibqgħu




niftakru dik il-lezzjoni meta smajna u rreċtajna l-poeżija ta' Ian Bland, "Football in the Living Room". Tgħidx kemm ħadna gost nagħmlu mossi differenti. Ħadna gost naqraw il-gazzetta, speċjalment l-artikli dwar futbol lokali u internazzjonali. Wara din il-lezzjoni, tħajjarna naqraw partijiet mill-gazzetta ma' membri tal-familja tagħna. Il-logħba hija waħda mill-mumenti favoriti tagħna tas-sessjoni, speċjalment jekk nispiċċaw draw u nagħtu l-penalties.

**Kif taħseb li għenek dan il-programm?**

Il-Birgu: Matul dawn l-għaxar ġimgħat kellna ċans nitgħallmu iktar dwar plejers favoriti tagħna u nipprattikaw l-isport li aħna tant inħobbu. Barra minn hekk, tgħallimna wkoll diversi ħiliet ġodda kemm tal-futbol kif ukoll tal-qari.

**Tibdel xi ħaġa mill-programm?**

Il-Birgu: Nixtiequ li għandna aktar sessjonijiet u l-ħin ta' kull sessjoni jkun itwal. Jgħaddi wisq malajr il-ħin!

Ħal Qormi San Bastjan: Nixtiequ li s-sessjonijiet ikunu itwal u li l-programm jibqa' għaddej sena sħiħa ħalli nibqgħu nilagħbu u nitgħallmu flimkien. Lesti li saħansitra anke niġu fix-xhur tas-sajf, waqt il-vaganzi! Nifhmu li rridu nagħtu ċans lil tfal oħra, iżda nixtiequ li nerġgħu nieħdu sehem. Kienet esperjenza sabiħa u interessanti ħafna. Grazzi tal-opportunità!



# L-Istatistika u l-Isport

L-isport u l-istatistika huma żewġ setturi li nistgħu ngħidu li llum il-ġurnata huma inseparabbli, speċjalment f'ambitu professjonali. Dan hu minnu minħabba l-fatt li l-kompetittività, l-investimenti kbar u l-esiġenzi ta' bosta organizzazzjonijiet sportivi jeħtieġu kull informazzjoni possibbli biex jilħqu l-għanijiet tagħhom. Barra minn hekk, l-istatistika fl-isport hi sors importanti ta' informazzjoni għal setturi oħrajn, fosthom dak tal-gaming. Nistgħu ngħidu wkoll li l-possibilitajiet li joffru l-istatistika u l-kejl tal-kapaċità tal-atleti u tal-probabbiltajiet ta' suċċess, aktar milli dik tax-xorti, saru jiffurmaw parti importanti ta' kif u kemm l-organizzazzjonijiet u l-għaqdiet sportivi u kif ukoll is-segwaċi jsegwu diversi sports.




Wieħed jista' jgħid li l-istatistika fl-isport b'xi mod jew ieħor kienet preżenti fis-settur sportiv sa mill-bidu, u aktar ma għadda ż-żmien, aktar kien hemm nies li dejjem daħlu iktar fil-fond biex jixprunaw il-vantaġġ li informazzjoni bħal din tista' toffri f'ambitu kompetittiv. Nistgħu nsemmu lill-kowċ Sovjetiku mill-Ukrajna Valeriy Lobanovskyi, famuż għall-approċċ xjentifiku mat-timijiet tiegħu, u, biex insemmu wkoll xi kowċis tal-preżent, nistgħu insemmu lil Marcelo Bielsa u lil Maurizio Sarri, li jirrikorru għall-analiżi viżiva tat-timijiet permezz ta' diversi kameras. Sportivi oħrajn saħansitra ħasbu biex jimmassimizzaw is-suċċess fis-suq ta' trasferimenti tal-plejers; approċċ li sar famuż bis-saħħa tal-Amerikan Billy Beane u l-applikazzjoni tiegħu fil-baseball.

Minbarra l-vantaġġi li l-istatistika tipprovdi fl-isport kompetittiv, l-istatistika dwar l-attività fiżika hi importanti għal kull ċittadin. Ma ninsewx ukoll li informazzjoni bħal din hi utli wkoll għall-gvernijiet u istituzzjonijiet biex jiġu mkejla aspetti marbuta mas-saħħa tal-popolazzjoni. L-Unjoni Ewropea (UE) tagħraf dan il-fatt, u b'hekk, minn żmien għall-ieħor tippubblika diversi studji speċifiċi dwar l-isport u l-attività fiżika fl-Istati Membri tagħha. B'hekk, il-Membri jkunu jistgħu jsegwu wkoll l-andament ta' xulxin. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea żviluppat għodda differenti li tagħmilha iktar faċli biex iċ-ċittadini wkoll jaċċessaw ir-riżultati tal-istudji li jkunu ppubblikati.

Dawn l-istess għodda intużaw għall-aktar Ewrobarometru Speċjali riċenti (472) dwar l-Isport u l-Attività Fiżika. Ir-rapport innifsu jgħodd daqs 133 paġna, iżda permezz ta' infografika apposta, l-aktar informazzjoni importanti nġabret f'żewġ paġni biss. Minkejja l-qosor tagħha, l-infografika xorta toffri informazzjoni importanti, bħall-fatt li 4 minn 10 Ewropej biss jgħidu li jagħmlu xi tip ta' attività fiżika tal-inqas darba fil-ġimgħa. L-istudju nnifsu joffri wkoll ħarsa lejn Malta. F'diversi aspetti, mill-istudju li kien sar fl-2013, Malta rat ammont tajjeb ta' titjib. Fosthom, meta tqabbel ir-riżultati mal-istħarriġ tal-2013, kien hemm żieda kbira f'Malta fil-proporzjonijiet ta' ċittadini li jagħmlu xi forma ta' eżerċizzju jew li għandhom jieħdu sehem fl-isport regolarment (+6%) jew b'xi regolarità (+5%). Minkejja dan, 67% tal-irġiel u 73% tan-nisa li jgħixu Malta stqarrew li ma jagħmlux eżerċizzju u ma jieħdu sehem fl-ebda sport. Hu appuntu għalhekk li hu importanti li jsiru studji bħal dawn, biex dejjem inkunu nafu liema aspetti ta' ħajjitna għandna nibdlu għall-aħjar.

Minbarra l-infografika, il-Kummissjoni nidiet ukoll website (amadashboards.com/kp/EU_Sport/) biex tippermetti navigazzjoni aktar faċli, kif ukoll biex turi aħjar ix-xejriet fl-isport. Id-dejta miġbura fis-snin ta' qabel u l-abbiltà li ssir referenza għal dejta oħra kienu implimentati bħala parti minn din il-website. Dan jippermetti portabbiltà aħjar tad-dejta għal skopijiet ta' riċerka.

Hu ferm importanti li r-riċerka li tkun ippubblikata mill-UE tkun aċċessibbli għal kulħadd u b'modi differenti wkoll. Din l-għodda tagħmel propju dan. Il-pass li jmiss hu li, bħalma jagħmlu organizzazzjonijiet sportivi, din l-istatistika għandha tintuża biex aħna ċ-ċittadini ninfurmaw ruħna dwar saħħitna u nieħdu azzjoni billi inkunu aktar attivi, u nipparteċipaw aktar f'attività fiżika.



Fil-korsa ta’ Vincennes f’Pariġi fi Franza għada wara nofsinhar issir it-tiġrija famuża Grand Prix d’Amerique, ikkunsidrata l-aktar tiġrija importanti fil-kalendarju tat-trott mondjali. Din it-tiġrija, se ssir fuq distanza ta’ 2700m, ikollha bidu bil-waqqaf, u b’kollox tmintax –il żiemel se jibdew serkin ma’ serkin. Din se tkun is-97 edizzjoni ta’ din it-tiġrija. Il-Grand Prix d’Amerique tiġbed kull sena lejn Pariġi eluf ta’ dilettanti minn madwar id-dinja, fosthom mijiet ta’ Maltin. L-ewwel edizzjoni tal-1920 kienet intrebħet minn Pro Patria.

Kull sena, din il-kompetizzjoni tfakkar ir-rebħa tas-suldati tal-pajjiżi alleati fl-ewwel gwerra dinija. Din is-sena l-mistoqsija fuq fomm ħafna





Kenneth Vella

# Il-famuża Grand Prix d'Amerique

## ssir għada f'Pariġi

hija liema żiemel jista verament jitqies il-favorit nett għar-rebħ. Nistennew li jispikkaw fost l-oħrajn il-popolari Franċiż Bold Eagle li f'idejn Franck Nivard rebaħ dan l-avveniment darbtejn fl-2016 u l-2017 u li qisu dan l-aħħar reġa sab il-forma tal-passat u l-Iżvediż Readly Express, rebbieħ tal-aħħar edizzjoni taħt il-gwida tal-Isvediż Bjorn Goop. Inċidentalment dawn iż-żewġ żwiemel huma ulied l-istaljun popolari Franċiż Ready Cash, rebbieħ ukoll ta' edizzjonijiet passati tal-Amerique. Madanakollu żwiemel oħra jistgħu wkoll iwettqu xi sorpriża. Statistikament, il-maħbub u mibki Franċiż Ourasi jibqa l-uniku żiemel li rebaħ l-Amerique erba' darbiet bi tlieta minnhom jaslu infila bejn l-1986 u l-1988 u l-aħħar suċċess jasal fl-1990.



BOLD EAGLE

### Ir-rebbieħa tal-Amerique fl-aħħar snin:

1998 – Dryade des Bois (Joseph Verbeeck)
1999 – Moni Maker (Jean Michel Bazire)
2000 – General du Pommeau (Jules Lepennetier)
2001 – Varenne (Gian Paolo Minnucci)
2002 – Varenne (Gian Paolo Minnucci)
2003 – Abano As (Joseph Verbeeck)
2004 – Kesaco Phedo (Jean Michel Bazire)
2005 – Jag de Bellouet (Christophe Gallier)
2006 – Gigant Neo (Dominik Locqueneux)
2007 – Offshore Dream (Pierre Levesque)
2008 – Offshore Dream (Pierre Levesque)
2009 – Meaulnes du Corta (Franck Nivard)
2010 – Oyonnax (Sebastien Ernault)
2011 – Ready Cash (Franck Nivard)
2012 – Ready Cash (Franck Nivard)
2013 – Royal Dream (Jean Philippe Dubois)
2014 – Maharajah (Orjan Kihlstrom)
2015 – Up And Quick (Jean Michel Bazire)
2016 – Bold Eagle (Franck Nivard)
2017 – Bold Eagle (Franck Nivard)
2018 – Readly Express (Bjorn Goop)

# Real Madrid għadhom iħossu lil Ronaldo

## imma xorta jerġgħu jirbħu t-titlu tad-dinja



**In-nuqqas ta' Cristiano Ronaldo mill-attakk taċ-Champions Ewropej u tad-Dinja Real Madrid għadu jinħass sewwa minkejja li diġa' għaddew ħames xhur minn meta Ronaldo għażel li jħalli l-kapitali Spanjola Madrid u jingħaqad ma' Juventus. Il-qagħda ta' Real Madrid fil-klassifika tal-Kampjonat Spanjol propju fl-ewwel jiem tas-sena l-ġdida hija prova ċara li l-fenomenu Ronaldo għadu ma ġiex kumpensat anki jekk Real temmew l-2018 bir-rebħ ta' titlu ieħor.**

F'Diċembru tal-2018, f'Dubaj, Real Madrid rebħu għat-tielet sena konsekuttiva u għas-seba' darba fl-istorja it-titlu ta' klabb Champion tad-Dinja, kompetizzjoni organizzata lejn tmiem kull sena mill-FIFA u li fiha jieħdu sehem it-timijiet Champions tal-konfederazzjonijiet minn kontinenti diversi li jiffurmaw il-FIFA.

Sebgħa kienu t-timijiet li bdew il-kompetizzjoni ta' din is-sena Al Ain FC minn Dubaj, CD Guadaljara tal-Messiku, Team Wellington FC ta' New Zealand, Esperence Sportive de Tunis tat-Tuneżija, River Plate tal-Arġentina , Kashima Antlers tal-Ġappun u Real Madrid ta' Spanja.

It-tim sorpriża kien it-tim Al Ain FC minn




Dubaj li ssorprendew bil-kbir li waslu sal-final wara li fis-semi-finali eliminaw lit-tim qawwi ta' River Plate. B'kollox intlagħbu tmien logħbiet li fihom kienu skurjati 33 gowl medja ta' 4.1 goal kull logħba. Gareth Bale kien ivvutat l-aħjar player tat-tournament li spiċċa wkoll l-aqwa skorer bi tliet goals daqs Santos Borre ta' River Plate.

Fil-final Real Madrid rebħu lil Al Ain FC 4-1 b'hat-trick ta' Bale wara li fis-semi-finali l-Ispanjoli għelbu lil Kashima Antlers 3-1. Ir-riżultati kollha u l-aħjar player ta' kull logħba kienu dawn:

**L-Ewwel Logħba**
Al Ain FC v Team Wellington FC .................. 3-3
( Al Ain rebħu 4-3 bil-penalties)
*Player tal-Logħba:* Khalid Esa (Al Ain FC)

**It-Tieni Logħba**
Al Ain FC v Esperence Sportive de Tunis..... 3-0
*Player tal-Logħba:* Hussein Elshahat (Al Ain FC)

**It-Tielet Logħba**
Kashima Antlers v CD Guadaljara................ 3-2
*Player tal-Logħba:* Shioma Doi (Kashima Antlers)

**Ir-Raba' Logħba**
CD Guadaljara v Esperence Sportive de Tunis ..... 1-1
(Esperance jirbħu 6-5 bil-penalties)
*Player tal-Logħba:* Rami Jeridi (Esperance)

**Il-Ħames Logħba**
Al Aihn FC v River Plate ................................ 3-2
*Player tal-Logħba:* Khalid Esa ( Al Ain FC)

**Is-Sitt Logħba**
Real Madrid v Kashima Antlers..................... 3-1
Plater tal-Logħba: Gareth Bale (Real Madrid)

**It-Tielet u r-Raba' Post**
River Plate v Kashima Antlers ...................... 4-0
*Player tal-Logħba:* Santos Barre (River Plate)

**Final**
Real Madrid v Al Ain FC.................................. 4-1
*Player tal-Logħba:* Marcos Llorente (Real Madrid)

**Żewġ akkwisti**
Fil-Kampjonat Spanjol, Real Madrid qed isibuha diffiċli jżommu l-pass ma' ta' fuq u wara l-ewwel logħba tal-2019 huma jinsabu fis-sitt post b'aktar minn sitt punti wara l-leaders Barcelona. Biex jippruvaw ipattu għall-vojt ta' Ronaldo għamlu żewġ akkwisti ta' players promettenti. Ħadu lill-Brażiljan Vinicuis Jnr u fl-ewwel jiem tas-sena l-ġdida xtraw lil Ibrahim Diaz ta' 19-il sena mingħand Man City li ħallsu għalih mat-22,000 sterlina.



# Sliema jibqgħu l-ewwel

## Il-Ħdax-il Ġurnata

**Floriana FC u Hibernians FC Bye.**
**Gżira Utd. FC lagħbu darbtejn.**

**20-02-1965: Valletta FC – Rabat FC 9-0**
**H.T 3-0 Ref: Joseph Agius**
**Skurjaw: F. Zammit (V) 27', T. Calleja (V) 28', F. Zammit (V) 41', G. Micallef (V) 53', J. Cutajar (V) 55', T. Calleja (V) 63', F. Zammit (V) 72' u 74' u G. Micallef (V) 76'.**

**Valletta FC**: Freddie Stivala, Joe Bugeja, Vince 'Iċ-Ċorma' Gauci, Charlie Williams, Leonard Mizzi, Johnnie Attard, Eddie Vella, Joe Cutajar, Tony Calleja, Frankie Zammit, George Micallef.

**Rabat FC**: Charlie Azzopardi, Żarenu Vella, Robert Ebejer, Joe Cassar, Joe Buhagiar, Lino Spiteri (Charles Cassar 46'), Louis Azzopardi, Victor Azzopardi, Freddie Wilson (Joe Vella 46'), Frans Micallef, Lolly Azzopardi.

**21-02-1965: Sliema Wdrs. FC – Gżira Utd. FC 2-0**
**H.T 1-0 Ref: Pawlu Bonnett**
**Skurjaw: J. Cini (S) pen. 1' u V. Vassallo (S) 72'.**

**Sliema Wdrs. FC**: Alfred Debono, Lino 'Il-Fus' Falzon, Joe Aquilina, Peter Fitzgerald (Charlie 'Il-Kiskisell' Spiteri 58'), Salvu Bonnici, Robbie Buttigieg, Ronnie Cocks, Joe Cini, Leli 'Tal-Fjuri' Micallef, Edward Aquilina, Vince 'Tal-Manager' Vassallo.

**Gżira Utd. FC**: Emmanuel Vella, Grech, Vince Relton, Nenu Chetcuti (Albert Cristiano 81'), Charlie Parnis, Tony Ciantar, Alfred Cristiano, Twanny 'Ix-Xixu' Sciberras, Toninu Camilleri, Joe Galea, Tony Chappelle.

1. Gżira United ħatru lill-ex player Salvinu Schembri bħala l-coach il-ġdid tagħhom.
2. It-tieni goal tal-Wanderers fuq il-gazzetti tal-epoka ngħata lil Vince Vassallo anke jekk kien Leli Micallef li kompla l-ballun għal ġewwa qabel ma qabeż il-linja tal-goal.

**07-03-1965: Gżira Utd. FC – Ħamrun Sp. FC 2-1**
**H.T 1-1 Ref: Pawlu Bonnett**
**Skurjaw: C. Aquilina (Ħ) 4' u T. Camilleri (G) 18' u 54'.**

**Gżira Utd. FC**: Emmanuel Vella, Alfred Cristiano, Vince Relton, Nenu Chetcuti, Charlie Parnis, Tony Ciantar, Victor Borg, Twanny 'Ix-Xixu' Sciberras, Toninu Camilleri, Joe Galea, C. Attard (Tony Chappelle 46').

**Ħamrun Sp. FC**: Charlie Buttigieg, Patistu Attard, Joe Stanmore, Albert Calleja, Martin Attard (Leli Micallef 46'), Joe Cauchi (Edward Spiteri 46'), Gejtu Briffa, Charles 'It-Topsy' Aquilina, Charlie Zammit, John 'Il-Lolu' Zarb, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb.

**Klassifika:** Sliema Wdrs. FC 15-il pt., Hibernians FC u Valletta FC 14-il pt.; Floriana FC 9 pti.; Ħamrun Sp. FC u Gżira Utd. FC 6 pti.; Rabat FC 2 pti.

**L-Aqwa Skorers:** V. Cassar (Hibernians FC) 11-il goal; F. Zammit (Valletta FC) 9 goals; J. Cini (Sliema Wdrs. FC) 8 goals; T. Calleja (Valletta FC) 7 goals; T. Cauchi (Floriana FC); R. Buttigieg (Sliema Wdrs. FC) u G. Micallef (Valletta FC) 6 goals.

## It-Tnax-il Ġurnata

**Ħamrun Sp. FC Bye.**

**06-03-1965: Floriana FC – Rabat FC 11-1**
**H.T 5-1 Ref: John F. Galea.**
**Skurjaw: L. Borg (F) 8', T. Cauchi (F) 12', L. Borg (F) 14', T. Cauchi (F) 16', L. Borg (F) 20', Lolly Azzopardi (R) pen. 37', H. Caruana (F) 60', J. Fava (F) 69', T. Cauchi (F) 71', Ż. Alamango (F) 78' u J. Fava (F) 80' u 88'.**

**Floriana FC**: Norman Vella, Lolly Debattista, Derek Iles, Norman Scott, Frankie Micallef, Lolly Aquilina, Żarenu Alamango, Louis Bugeja, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Lolly Borg (Joe Fava 45'), Hugh Caruana.

**Rabat FC**: Alfred Calleja, Edgar Azzopardi, Joe Buhagiar, Żarenu Vella, Joe Cassar, Lino Spiteri, Joe Vella, Louis Azzopardi, Freddie Wilson, Frans Micallef, Lolly Azzopardi.

1. Iz-żagħżugħ Joe Fava skorja hat-trick fl-aħħar 19-il minuta tal-partita meta kien qed jilgħab l-aħħar partita tiegħu fostna. Fil-fatt fid-19 ta' Marzu 1965 huwa kien emigra lejn l-Awstralja. Fava huwa missier il-midfielder ta' Sliema, Pieta' u Floriana FC Sandro Zammit Fava tas-snin disgħin u elfejn.
2. Edgar Azzopardi u Frans Micallef it-tnejn ta' Rabat FC aktar tard fil-karriera kienu saru referee tal-Premier Division. Edgar Azzopardi kien anke laħaq FIFA Referee.
3. Il-penalty skurjat minn Rabat kien it-tieni goal tagħhom f'dan il-kampjonat. L-ieħor kien wasal minn autogoal kontra Ħamrun Spartans.
4. Iz-żagħżugħ Frankie Micallef kien qed jiddebutta ma' Floriana. Fis-snin sebgħin huwa kien wieħed mill-aqwa midfielders tal-kampjonat Malti.

**13-03-1965: Valletta FC – Gżira Utd. FC 2-1**
**H.T 2-1 Ref: George Busuttil**
**Skurjaw: V. Borg (G) 3', T. Connor (V) 14' u J. Cutajar (V) 33'.**

**Valletta FC**: Freddie Stivala, Joe Bugeja, Vince 'Iċ-Ċorma' Gauci, Charlie Williams (Eddie Vella 60'), Leonard Mizzi, Johnnie Attard, Tony Connor, Joe Cutajar, Tony Calleja, Frankie Zammit, George Micallef.

**Gżira Utd. FC**: Emmanuel Vella, Alfred Cristiano, Vince Relton, Nenu Chetcuti, Charlie Parnis, Tony Ciantar, Victor Borg, Twanny 'Ix-Xixu' Sciberras, Toninu Camilleri, Joe Galea, Sunny Attard (C. Attard 75').

1. Xi gazzetti tal-epoka rrapurtaw li s-sostitut ta' Sunny Attard kien Lanzon.
2. Fit-8 t' April 1965 il-players ta' Gżira United Vincent Relton u Twanny 'Ix-Xixu' Sciberras kienu nstabu ħatja quddiem il-Qorti tal-Maġistrati li ngurjaw lir-referee George Busuttil. Relton li ma kienx ammetta l-akkuża kien ġie mmultat lira u nofs filwaqt li Sciberras li kien assistit minn HMS Crofton Divisional Officer ammetta l-akkuża u ġie mmultat nofs lira.

**14-03-1965: Sliema Wdrs. FC – Hibernians FC 4-0**
**H.T 4-0 Ref: Turu Lentini**
**Skurjaw: J. Cini (S) 8' u 11', L. Micallef (S) 19' u J. Cini (S) 27'.**

**Sliema Wdrs. FC**: Alfred Debono, Lino 'Il-Fus' Falzon, Joe Aquilina, Peter Fitzgerald, Salvu Bonnici, Robbie Buttigieg, Ronnie Cocks, Joe Cini, Leli 'Tal-Fjuri' Micallef, Edward Aquilina, Vince 'Tal-Manager' Vassallo.

**Hibernians FC**: Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi (Louis Borg 20'), Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Tony Attard, Salvu Gatt, Louis Theobald, Sunny Anastasi, Tony Griffiths, Victor Grima (Alfred Mallia 46'), Edward Darmanin, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Norman Buckle.

1. Il-goalkeeper sostitut Louis Borg li ħa post Freddie Mizzi wara 20 minuta kellu 15-il sena.
2. Hibernians kellhom jippreżentaw żewġ attakkanti ġodda għal din il-partita miħabba li minbarra li kellhom lil Jimmy Mizzi sospiż huma tilfu wkoll lill-attakkant Victor Cassar 'Il-Palun' li kien jinsab l-Ingilterra. Hibernians kellhom nieqsa wkoll lid-difensur Mike Zammit li kiser idu u lil Freddie Delia li wkoll kien imweġġa'.
3. Victor Grima rritorna fit-team ta' Hibernians wara li f'Ottubru ta' qabel kien iddeċieda li jieqaf mill-football.

**Klassifika**: Sliema Wdrs. FC 17-il pt., Valletta FC 16-il pt.; Hibernians FC 14-il pt.; Floriana FC 11-il pt.; Ħamrun Sp. FC u Gżira Utd. FC 6 pti.; Rabat FC 2 pti.

**L-Aqwa Skorers:** V. Cassar (Hibernians FC) u J. Cini (Sliema Wdrs. FC) 11 goals; T. Cauchi (Floriana FC) u F. Zammit (Valletta FC) 9 goals; T. Calleja (Valletta FC) 7 goals; L. Borg (Floriana FC); R. Buttigieg u L. Micallef (Sliema Wdrs. FC) u G. Micallef (Valletta FC) 6 goals.

# SPOT THE BALL

## u irbaħ Flokk ta' Juventus




Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv.

Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Frar, 2019 Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.

Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Juventus ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

## Soluzzjoni Ħarġa nru. 141



Ir-Rebbieħa tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 141 huwa:
**Chris Vella - Rabat**

# TISLIBA



### MIMDUDIN

1) "Copa .......... de América" (12)
8) Belt ospitanti tal-Fifa WC 1986 (14)
10) "West Coast ......", club tal-AFL fl-Awstralja (6)
12) Ricardo, 5 partiti għall-Arġentina 1947-1958 (7)
13) Juan, midfielder offensiv Spanjol ta' Man Utd (4)
14) Tony, right-back ta' Man City 1966-1974 (4)
16) Club ewlieni li jieħu sehem fl-Azerbaijan Premier League (7)
18) Muhammed, midfielder difensiv attwali tal-Ghana (3)
20) Balázs, ex goalkeeper ta' Honved u l-Ungerija (8)
22) Il-club il-ġdid ta' Berlusconi u Galiani (5)
25) u 32) Michael, 216 partita u 118 goal għal Liverpool (4)
26) "CF Rapa ...", il-club minn Easter Island fiċ-Ċili (3)
27) u 33) Eduard, player Estonjan maqtul fit-Tieni Gwerra Dinjija (5)
28) Marko, 14 il-partita għal Jugoslavja u 2 għas-Slovenja (6)
30) Mauro, ex difensur ta' AC Milan b'429 partita (8)
31) Valentino, midfielder attwali ta' Hertha Berlin u l-Awstrija (6)
32) Ara 25 Mimdudin
33) Ara 27 Mimdudin
34) Voca, midfielder attwali ta' Luzern u l-Kosovo (5)

### WEQFIN

1) Klaus, goalkeeper Awstrijak fil-Fifa WC 1982 u 1990 (12)
2) Maor, midfielder offensiv attwali tal-Iżrael (7)
3) Sterling, aktar minn 200 goal għal Liverpool u Man City (6)
4) Joaquim, midfielder difensiv attwali tal-Angola (4)
5) Ramazan, goalkeeper tal-Awstrija fil-Euro 2008 (5)
6) Vincent, 101 partita jgħasses il-lasti tan-Niġerja (7)
7) Martin, ex coach ta' Tottenham, Ajax u Fulham (3)
9) Omari, ex right-back ta' AS Roma u r-Russja (10)
11) Carlos, ex difensur tal-Veneżwela (7)
12) Vincenzo, ex attakkant ta' Udinese, Juventus u l-Italja (8)
15) Martin, ex difensur ċentrali ta' Everton, Arsenal u l-Ingilterra (5)
17) César, goalkeeper ta' Franza b'7 partiti 1952-1954 (8)
19) L-ittri komuni wara l-ismijiet ta' clubs Skandinavi (1,1)
21) Il-player sinonimu ma' ruling dwar ir-regoli tat-transfers (6)
23) Sensini, midfielder Arġentin fil-Fifa WC 1990, 1994 u 1998 (6)
24) Dele, midfielder attwali ta' Tottenham u l-Ingilterra (4)
29) John, centre-back attwali tar-Repubblika tal-Irlanda (5)
30) Boyd, 252 partita ma' Motherwell u 304 ma' Celtic (3)
31) ".. Havre", club f'Ligue 2 fi Franza (2)

## Soluzzjoni - Ħarġa nru 141

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| G | E | N | C | L | E | R | B | I | R | L | I | G | I |
| I | | E | | A | | I | | S | | I | | K | |
| A | R | R | I | Z | A | B | A | L | A | Ġ | A | | A |
| N | | O | | C | | E | | A | | A | L | A | N |
| N | Z | A | M | A | | R | O | S | E | | A | | D |
| A | | Z | | N | O | Y | A | | R | O | M | E | R |
| K | O | Z | L | O | V | | N | | I | | A | | E |
| O | | U | | | E | | A | L | C | I | N | D | O |
| P | E | R | E | I | R | A | | A | H | | G | | L |
| O | | R | | K | M | E | N | T | | B | O | L | I |
| U | R | I | A | | A | | A | O | G | O | | E | |
| L | A | | R | | R | A | N | | E | B | E | R | L |
| O | P | R | I | N | S | E | N | | N | O | | O | |
| S | A | | F | | | K | I | C | K | | R | Y | E |

Created by Joseph Pisani - Papillon Services - Malta - Tel: 356 7906 8305 - E-Mail: pisanijoseph@gmail.com

Isem u kunjom

Indirizz

E-mail

Rebbieħa Ħarġa nru 141: **C. Saliba - Marsa**

FITNESS STUDIO

Kull xahar qed tintrebaħ membership ta' xahar għand **FITNESS STUDIO**
Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Frar 2019:
**Sportiv Magazine
Kompetizzjoni Tisliba,
c/o A41, Marsa
Industrial Estate,
Marsa MRS3000.**

# SULETTI TAL-FIBRA TAL-KARBONJU (CARBON FIBRE)

*Is-suletti tal-fibra tal-karbonju huma inserzjonijiet taż-żarbun, li-iskop huwa li jżommu il-kwalita' ta' saħħa tas-saqajn tajba, kif ukoll biex iżżomm iż-żraben u s-saqajn tiegħek mingħajr riħa bi protezzjoni anti-mikrobika addizzjonali. Dan jimpedixxi l-mard tas-saqajn u l-fungu milli jitrabba fiż-żraben tiegħek,*

*Suletti ta' dan it it-tip jintużaw għal ċertu kundizzjonijiet, bħal per eżempju, sieq tal-atleta.(Athlete's foot).*

*Hemm tipi differenti ta' suletti tal-fibra tal-karbonju disponibbli, u kull wieħed minnhom għandu ftit differenzi fl-istruttura, u l-kwalita' ta' protezzjoni.*

## DAWN HUMA WĦUD MILL-VANTAĠĠI TA' DAWN IS-SULETTI.

**PERFORAZZJONIJIET** - Dawn is-suletti jkun fihom toqob żgħar li jipprovdu regolazzjoni aħjar tat-temperatura, nifs u inqas għaraq.

**HEEL CAP** - Il-kappa tal-għarqub tgħin biex tistabbilizza s-sieq ġewwa ż-żraben tiegħek, u jgħinhom ma jiżolqux. Għal dawk fil-bżonn ta' appoġġ iktar sod għas-saqajn, għarqub eħxen huwa mod tajjeb ħafna biex jinkiseb dan.

**ARKI ADATTIVI (ADAPTIVE ARCH)** - L-arkati adattivi jieħdu l-forma tal-muskoli tas-saqajn u jagħtuk l-aqwa appoġġ possibbli għall-arki tas-sieq.

Il-Memory Foam, bħala eżempju huwa materjal tajjeb għax jieħu l-forma ta' saqajk meta tissaħħan bit-temperatura ta' sieqek stess.

Suletti ta' tliet kwarti jintużaw l-aktar minn dawk li jbatu minn uġiegħ fl-għarqub jew li jixtiequ jtaffu l-pressjoni żejda fil-ballun tas-sieq. Suletti sħah huma l-aħjar fi kważi kull każ, għax jipprovdu protezzjoni lis sieq kollha.

**ASSORBIMENT MIX-XOKK** - (Shock Absorbers) Il-qiegħ ta' dawn is-suletti jkun magħmul minn materjal li jnaqqas l-effett tad-daqqiet b'hekk jipproteġu s-saqajn. Dan huwa ferm utli għall-atleti jew għal dawk fl-industrija tal-ospitalità li jagħmlu ħafna ħin fuq saqajhom matul il-ġurnata tax-xogħol tagħhom.

## LIEMA TIP TA' SULETTI TAL-KARBONJU GĦANDI BŻONN GĦAT-TIP TA' SAQAJJA?

Qabel ma wieħed jixtri par suletti tal-fibra tal-karbonju biex itaffi wġiegħ fis-saqajn jew għejja, wieħed irid ikun jaf x'inhu t-tip ta' saqajn għandu, u xi ftit dwar kif jaħdmu s-saqajn.

L-akbar żewġ problemi assoċjati mas-saqajn huma ġeneralment dovuti għal nuqqas ta' allinjament korrett tas-saqajn.

X'aktarx li taqa' f'waħda miż-żewġ kategoriji li ġejjin:

**OVER PRONATION** - Persuni meqjusin bħala (Over pronator) jimxu bis-saqajn tagħhom f'angolu mxaqleb fuq 'ġewwa, u jpoġġi pressjoni fuq l-arkati tas-saqajn.
Dan jista jirriżulta f'kundizzjonijiet bħal fasciitis tal-pjantaġġuni, (Plantar Fascitis) uġiegħ fl-għarqub, uġigħ ta' saqajn u aktar.
Din il- kundizzjoni tista tiġi indirizzata billi jkollom suletta aktar fonda mill- għarqub biex tikkontrolla l-mod kif jimxu s-saqajn tagħhom.

**UNDER PRONATION** Din hija iktar rari minn (Over Pronation). Dan iseħħ meta persuni jkollhom saqajhom angolati l-barra u tpoġġi wisq enfasi fuq ix-xifer ta' barra tas-saqajn.
Dawn il-persuni jeħtieġu suletti b'inqas fond mill-għarqub u iktar appoġġ fit-truf ta' barra tas-saqajn. Suletti personalizzati għal din il-kundizzjoni ivarjaw skont il-grad ta' inklinazzjoni fis-saqajn, li jista jvarja konsiderevolment.


**ORTHOPAEDIC CENTER MALTA**

To receive more information on products and services, you can send a mail to orthopaedicentremalta@gmail.com, or fill out the contact form. You will be contacted soon by our staff.

Orthopaedic Center Malta - Triq Mimosa - 93012 Gwardamanġia (PTA 1045) Malta (Corner Triq Danny Cremona)
Tel: +35621242355 · E-mail: orthopaedicentremalta@gmail.com




Looking for a new property? Bank of Valletta can assist you with a home loan built around your personal financial situation.

All loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from the Bank. The term of the loan must not go beyond retirement age.

More information is available from www.bov.com or contact 2131 2020.

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

BOV

Bank of Valletta